**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta’ dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2003/96/KE

**tas-27 ta' Ottubru 2003**

**li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku**

**(Test b'relevanza ma' ŻEE)**

(OJ L 283, 31.10.2003, p. 51)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Id-Diretiva tal-Kunsill 2004/74/KE tad-29 ta' April 2004 | L 195 | 26 | 2.6.2004 |
| ►M2 | Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/75/KE tad- 29 ta' April 2004 | L 195 | 31 | 2.6.2004 |

▼B

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2003/96/KE

## tas-27 ta' Ottubru 2003

## li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku

(Test b'relevanza ma' ŻEE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea u partikolarment l-Artikolu 93 tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta tal-kummissjoni,

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Billi:

(1) L-iskop tad-Direttiva tal-Kunsill 92/81/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 fuq l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tat-taxxi tas-Sisa fuq żjut minerali ([1]) u tad-direttiva tal-Kunsill 92/82/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 fuq l-approssimazzjoni tar-rati tat-taxxi tas-Sisa fuq żjut minerali ([2]) hija ristretta għal żjut minerali.

(2) L-assenza ta' proviżżjonijiet tal-Komunità li timponi rata minima ta' tassazzjoni fuq l-elettriku u prodotti ta' enerġija minbarra żjut minerali tista' taffetwa ħażin il-funzjonijiet kif suppost tas-suq intern.

(3) Il-funzjonijiet kif suppost tas-suq intern u s-seħħ ta' għanijiet ta' politiki oħra tal-Kommunità jinħtieġu livelli minimi ta' tassazzjoni li jkunu stabbiliti fuq livell Kommunitarju għall-bosta mill-prodotti tal-enerġija, u jinkludu l-elettriku, gass naturali u faħam.

(4) Differenzi sostanzjali dwar livelli nazzjonali ta' tassazzjoni fuq l-enerġija minn Stati Membri tista' tkun ta' detriment għall-funzjonament kif suppost tas-suq intern.

(5) L-istabbilament ta' livelli minimi u approprijati ta' tassazzjoni mill-Kommunità tista' tnaqqas differenzi eżistenti ta' tassazzjoni fil-livell nazzjonali.

(6) Skond l-Artikolu 6 tat-Trattat, il-ħtiġijiet dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent għandhom jiġu integrati fid-definizzjoni u implimentazzjoni ta' politiki oħra tal-Komunità.

(7) Bħala sieħba tal-konvenzjoni kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar tibdil fil-klima, il-Komunità irratifikat il-Protokoll ta' Kyoto. It-tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u, fejn xieraq, ta' l-elettriku hija waħda mill-istrumenti disponibbli biex jinkisbu l-iskopijiet tal-Protokoll ta' Kyoto.

(8) Il-Kunsill jeħtieġ li jeżamina l-eżenzjonijiet u tnaqqis u livelli minimi ta' tassazzjoni perjodikament, wara li tikkonsidra l-iffunzjonar kif suppost tas-suq intern, il-valur proprju tal-livelli minimi ta' tassazzjoni, il-kompetitività tal-kummerċ tal-Komunità fil-qafas internazzjonali u għanijiet usa tat-Trattat.

---

([1]) ĠU L 316, tal-31.10.1992, p. 12. Direttiva kif l-aħħar amendata minn Direttiva 94/74/KE (ĠU L 365, tal-31.12.1994, p. 46).

([2]) ĠU L 316, tal-31.10.1992, p. 19. Direttiva kif l-aħħar amendata minn Direttiva 94/74/KE.

▼B

(9) Stati Membri għandhom jingħataw il-flessibilità neċessarja biex jiddefinixxu u jimplimentaw politiki xierqa skond iċ-cirkostanzi nazzjonali tagħhom.

(10) Stati Membri jixtiequ jintroduċu jew iżommu tipi differenti ta' tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku. Għal dan il-għan, Stati membri għandhom jiġu mħollija jħarsu il-livelli minimi ta' tassazzjoni tal-Komunità billi jikkonsidraw il-piż tat-taxxi kollha indiretti li huma għażlu li japplikaw (imma teskludi l-VAT)

(11) Arranġamenti fiskali magħmula b'konnessjoni ma' l-implimentazzjoni ta' dan il-qafas fi ħdan il-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku huma suġġett għal kull Stat Membru li jiddeċiedi. F'dan ir-rigward, Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jgħollux il-piż globali tat-taxxa jekk huma jikkonsidraw li l-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju ta' newtralità fuq it-taxxa jista' jikkontribwixxi għall-ristrutturar u l-immodernizzar tas-sistema tagħhom ta' tassazzjoni billi jinkoraġixxi aġir li jwassal għall-protezzjoni ikbar ta' l-ambjent u li jżid ix-xogħol.

(12) Prezzijiet fuq l-enerġija huma elementi importanti għall-politiki tal-Komunità dwar enerġija, trasport u ambjent.

(13) It-tassazzjoni tistabbilixxi parzjalment il-prezz fuq prodotti ta' enerġija u elettriku.

(14) Il-livelli minimi ta' tassazzjoni għandhom jirriflettu il-posizzjoni kompetittiva tal-prodotti differenti ta' enerġija u elettriku. Ikun ta' siwi jekk f'din il-konnessjoni wieħed jibbaża il-kalkulazzjoni ta' dawn il-livelli minimi kemm jista' jkun fuq il-kontenut ta' enerġija fil-prodotti. Madankollu, dan il-metodu ma għandux jiġi applikat fuq karburanti ta' karozzi jew muturi.

(15) Il-possibilità li wieħed japplika rati nazzjonali differenti ta' tassazzjoni fuq l-istess oġġett għandha tingħata f'ċerti ċirkostanzi jew kondizzjonijiet permanenti, iżda il-livelli mimimi ta' tassazzjoni tal-Komunità u s-suq intern u r-regolamenti tal-kompetizzjoni għandhom jiġu rispettati.

(16) Minħabba li s-sħana huwa suġġett għall-kummerċ limitat fi ħdan il-Komunità, tassazzjoni tal-ħruġ tas-sħana għandha tibqa' barra mill-iskop ta' dan il-qafas tal-Komunità.

(17) Huwa neċessarju li l-Komunità tistabilixxi livelli minimi u differenti ta' tassazzjoni skond l-użu ta' prodotti ta' enerġija u elettriku.

(18) Prodotti ta' enerġija użati bħala karburant għall-għanijiet industrijali u kummerċjali u dawk użati bħala karburant biex isaħħan huma normalment intaxxati b'rati iktar baxxi minn dawk applikabbli fuq prodotti ta' enerġija użati bħala propellant.

(19) It-tassazzjoni tal-karburant diesel użat minn persuni li jġorru l-merkanzija, speċjalment dawk li huma involuti f'attività fi ħdan nil-Komunità, tinħass il-ħtieġa ta' trattament speċifiku, li jinkludi miżuri li jagħtu lok għall-introduzzjoni ta' sistema ta' piżijiet għal min juża t-triq, sabiex jiġi limitat tfixkil tal-kompetizzjoni li l-operaturi jistgħu jiffaċċjaw.

(20) Stati Membri jista' jkollhom bżonn li jagħmlu differenza bejn diesel kummerċjali u dak li mhuwiex. Stati Membri jistgħu jużaw din il-possibilità biex inaqqsu d-differenza bejn tassazzjoni ta' nafta mhux kummerċjali użata bħala propellant u petrol.

(21) Prodotti ta' enerġija u elettriku użati kemm għall-negozju kif ukoll dawk li ma jintużawx għall-negozju jistgħu jiġu ttrattati differenti għall-skopijiet ta' taxxa.

(22) Prodotti ta' enerġija essenzalment għandhom ikunu suġġett għall-qafas fi ħdan il-Komunità meta jkunu użati bħala karburant li

▼B

jsaħħan jew karburant għall-karozzi. Għal dan il-għan, hija fin-natura u l-loġika tas-sistema ta' taxxa li teskludi mill-iskop ta' dan il-qafas l-użu doppju u użu ta' prodotti ta' enerġija li mhux karburant kif ukoll ipproċessar tal-mineraloġija. Elettriku użata bl-istess manjiera għandha tiġi ttrattat l-istess.

(23) Obbligi internazzjonali eżistenti u ż-żamma ta' posizzjoni kompettitiva ta' kumpaniji tal-Komunità tagħti lok biex jinżammu l-eżenzjonijiet ta' prodotti ta' enerġija forniti għall-navigazzjoni bl-ajru u bil-baħar, minbarra dawk għal skopijiet privati jew ta' divertiment, waqt li għandu jkun possibli għall-Stati Membri li jillimitaw dawn l-eżenzjonijiet.

(24) Stati Membri għandhom jiġu permessi li japplikaw eżenzjonijiet oħra jew livelli mnaqqsa ta' tassazzjoni, sakemm dan ma jkunx ta' detriment għall-iffunzjonar kif suppost tas-suq intern u li ma jirriżultax fi tfixkil tal-kompetizzjoni.

(25) B'mod partikolari, il-ġenerazzjoni ta'sħana u kapaċità kkombinati u, li jippromwovu l-użu alternattiv ta' sorsi ta' enerġija, forom renovabbli ta' enerġija jistgħu jikkwalifikaw għall-trattament preferenzali.

(26) Tinħass il-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas fil-Komunità li jippermetti lil Stati Membri li jeżentaw jew inaqqsu it-Taxxi tas-Sisa u b'hekk jinkoraġixxu il-bijokarburanti, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-iffunzjonar kif suppost tas-suq intern u kif ukoll Stati Membri li jistgħu flimkien ma' operaturi ekonomiċi ikollhom ċertezza legali suffiċjenti. Tfixkil fil-kompetizzjoni għandu jiġi limitat u l-inċentiv ta' tnaqqis fl-ispejjeż bażiċi għall-produtturi u distributuri ta' bijokarburanti għandu jinżamm, inter alia, kif ukoll aġġustamenti ta' Stati Membri meta tikkonsidra t-tibdil fil-prezzijiet ta' materja prima.

(27) Din id-Direttiva se tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' disposizzjonijiet relavanti tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 fuq l-arranġamenti ġenerali ta' prodotti li huma suġġett għat-taxxa tas-Sisa u fuq iż-żamma, moviment u kontroll ta' dawn il-prodotti ([1]), u d-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 fuq l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tat-taxxa tas-Sisa fuq l-alkoħol u xarbiet alkoħoliċi ([2]), meta l-prodott li se jiġi użat, offrut għall-bejgħ jew użat bħala karburant tal-karozzi jew addittiv mal-karburant ikun alkoħol etiliku kif definit fid-Direttiva 92/83/KEE.

(28) Ċertu eżenzjonijiet u tnaqqis fil-livell tat-taxxa jistgħu jirriżultaw neċessarji; l-iktar minħabba n-nuqqas ta' armonizzazzjoni fuq livell Komunitarju, minħabba riskji ta' telf ta' kompettitivita internazzjonali jew minħabba konsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali.

(29) Negozji li jidħlu f'arranġamenti biex isaħħu sostanzjalment il-protezzjoni fuq l-ambjent u l-effiċjenza fil-qasam ta' l-enerġija għandhom jingħataw attenzjoni; fost dawn in-negozji, dawk li jimmiraw fuq l-enerġija speċifikament jistħoqqilhom trattament speċifiku.

(30) Perjodi ta' transizzjoni u arranġamenti jistgħu ikunu bżonnjużi sabiex Stati Membri ikollhom iċ-ċans jadottaw għall-livelli ġodda ta' tassazzjoni, b'hekk jillimitaw konsegwenzi negattivi li jistgħu jinqalgħu.

(31) Huwa neċessarju li jkun hemm proċedura li tawtorizza l-introduzzjoni minn Stati Membri, għal perjodu definit, fuq eżenzjonijiet oħra u tnaqqis ieħor fil-livelli ta' tassazzjoni. Dawn l-eżenzjonijiet jew tnaqqis għandhom ikunu taħt kontroll regolari.

---

([1]) ĠU L 76, tat-23.3.1992, p. 1. Direttiva kif l-aħħar amendata minn Direttiva 2000/47/KE (ĠU L 193, tad-29.7.2000, p. 73).

([2]) ĠU L 316, tal-31.10.1992, p. 21.

▼B

(32) Għandha ssir disposizzjoni għal Stati Membri biex javżaw lil Kummissjoni fuq ċertu miżuri nazzjonali. Din in-notifikazzjoni ma għandhiex tħoll lil Stati Membri mill-obbligazzjoni, kif imqiegħda fl-Artikolu 88(3) tat-Trattat, li javżaw fuq ċertu miżuri nazzjonali. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal xi għajnuna statali li tista' tingħata fil-futur u li ssir skond l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat.

(33) L-għan tad-Direttiva 92/12/KEE għandu, fejn xieraq, ikun estiż għall-prodotti u taxxi indiretti koperti minn din id-Direttiva..

(34) Il-miżuri neċessarji dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-deċizzjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 fejn hemm il-proċeduri dwar l-eżerċizzju ta' implimentazzjoni li għandha l-Kummissjoni (1),

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Stati Membri għandhom jimponu tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku skond din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, it-terminiloġija "prodotti ta' enerġija" għandha tapplika għall-prodotti:

(a) li huma deskritti taħt Kodiċi NM 1507 sa 1518, jekk dawn il-prodotti se jintużaw bħala karburant li jsaħħan u karburant tal-karozzi;

(b) li huma deskritti taħt Kodiċi NM 2701, 2702 u 2704 sa 2715;

(ċ) li huma deskritti taħt Kodiċi NM 2901 u 2902;

(d) li huma deskritti taħt Kodiċi NM 2905 11 00, li ma għandhomx oriġini sintetika, jekk dawn se jintużaw bħala karburant li jsaħħan u karburant tal-karozzi;

(e) li huma deskritti taħt Kodiċi NM 3403;

(f) li huma deskritti taħt Kodiċi NM 3811;

(g) li huma deskritti taħt Kodiċi NM 3817;

(h) li huma deskritti taħt Kodiċi NM 3824 90 99 bħala karburant li jsaħħan u karburant tal-karozzi.

2. Din id-Direttiva tapplika ukoll għal:

Elettriku kif deskritt taħt Kodiċi NM 2716.

3. Meta l-prodotti ta' l-enerġija, minbarra dawk li għalihom hemm livell ta' tassazzjoni speċifikata f'din id-Direttiva, ikunu intenzjonati għall-użu, għall-bejgħ jew użati bħala karburant tal-karozzi jew karburant li jsaħħan, dawn għandhom jiġu intaxxati skond l-użu, bl-istess rata tal-karburant li jsaħħan u l-karburant tal-karozzi.

Minbarra dawn il-prodotti taxxabli kif imniżżla fil-paragrafu 1, kull prodott li se jintuża, jinbiegħ jew jiġi użat bħala karburant tal-karozzi, jew bħala addittiv jew sustanza miżjuda fil-karburanti tal-karozzi, għandu jiġi intaxxat bl-istess rata tal-karburant tal-karozzi.

Minbarra dawn il-prodotti taxxabli kif imniżżla fil-paragrafu 1, kull idrokarbonju ieħor, minbarra l-pit, li se jintuża, jinbiegħ jew jiġi użat biex isaħħan għandu jiġi intaxxat b'rata ekwivalenti ta' prodott ta' enerġija.

(1) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

▼B

4. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:

(a) tassazzjoni tal-ħruġ tas-sħana u t-tassazzjoni ta' prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 4401 sa 4402;

(b) l-użu kif imniżżel hawn taħt ta' prodotti ta' enerġija u elettriku:

— prodotti ta' enerġija użati mhux bħala karburant tal-karozzi jew karburant biex isaħħan,

— użu doppju ta' prodotti ta' enerġija

Prodott ta' l-enerġija għandu użu doppju meta jiġi użat kemm bħala karburant li jsaħħan u kif ukoll għal skopijiet oħra barra minn karburant tal-karozzi jew karburant li jsaħħan. L-użu ta' prodotti ta' enerġija għat-tnaqqis ta' kimiki u fi trattamenti elettrolitiki u metallurġiki għandhom jiġu kkonsidrati bħal użu doppju.

— elettriku meta huwa użat prinċipalment għat-tnaqqis ta' kimiki u fi trattamenti elettrolitiki u metallurġiki.

— elettriku, meta l-prezz ikun iktar minn 50 % ta' l-ispiża tal-prodott. "L-ispiża tal-prodott" għandha tfisser it-total ta' xiri ta' oġġetti u servizzi u żżid l-ispejjeż tal-ħaddiema kif ukoll il-konsum ta' kapital fiss, skond il-livell tan-negozju, kif definit fl-Artikolu 11. Din l-ispiża hija kkalkulata bħala medja għal kull unità. "L-ispiża ta' l-elettriku" għandha tfisser il-prezz attwali tax-xiri ta' l-elettriku jew l-ispiża tal-produzzjoni ta' l-elettriku jekk huwa ġenerat fin-negozju,

— trattamneti mineraloġiki

"Trattamenti mineraloġiki" ifisser it-trattamneti klassifikati fin-nomenklatura NACE taħt kodiċi DI 26 "manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi" fir-Regolazzjoni tal-Kunsill (KEE) No 3037/90 tad-9 ta' Ottubru 1990 fuq l-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ([1]).

Madankollu, l-Artikolu 20 għandu japplika fuq dawn il-prodotti ta' enrġija.

5. Referenzi f'din id-Direttiva għall-kodiċi ta' nomenklatura magħquda għandhom ikunu għal dawk tar-Regulazzjoni tal-Kummissjoni (KE) No 2031/2001 tas-6 ta' Awwissu 2001, li jbiddel Annex I tar-Regulazzjoni tal-Kunsill (KEE) No 2658/87 fuq it-tariffa u nomenklatura ta' l-istatistika u fuq it-tariffa doganali komuni ([2]).

Għandha tittieħed deċiżjoni biex taġġorna darba kull sena il-kodiċi tan-nomenklatura magħquda fuq prodotti msemmija f'din id-Direttiva skon dil-proċedura mniżżla fl-Artikolu 27. Id-deċizzjoni ma għandhiex tirriżulta f'tibdil fir-rati minimi tat-taxxa li japplikaw f'din id-Direttiva jew għaż-żieda jew tneħħija ta' prodotti ta' enerġija jew elettriku.

*Artikolu 3*

Referenzi għad-Direttiva 92/12/KEE għal "żjut minerali" u "taxxa tas-Sisa", jekk kemm-il darba tapplika għal żjut minerali, għandha tiġi interpretata li tkopri il-prodotti ta' enerġija kollha, elettriku u taxxi indiretti nazzjonali li hemm riferenza għalihom rispettivament f'L-Artikoli 2 u 4(2) ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

1. Il-livelli ta' tassazzjoni li Stati Membri għandhom japplikaw fuq il-prodotti ta' enerġija u elettriku kif imniżżla fl-Artikolu 2 ma għandhomx

([1]) ĠU L 293, ta' l-24.10.1990, p. 1. Regolament kif l-aħħar amendat mir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) No 29/2002 (ĠU L 6, ta' l-10.1.2002, p. 3).
([2]) ĠU L 279, tat-23.10.2001, p. 1.

▼B

ikunu inqas mill-livelli miimi ta' tassazzjoni kif preskritti minn din id-Direttiva.

2. Għall-iskop ta' din id-Direttiva "livell ta' tassazzjoni" huwa il-piż totali intaxxat fir-rigward tat-taxxi indiretti kollha (ħlief il-VAT) ikkalkulat direttament jew indirettament fuq il-kwantità ta' prodotti ta' enerġija u elettriku meta dawn ikunu rilaxxati għall-konsum.

*Artikolu 5*

Jekk kemm-il darba dawn jirrispettaw il-livelli minimi ta' tasazzjoni kif preskritti minn din id-Direttiva u li huma kompatibbli mal-liġi tal-Kummunità, rati differenti ta' tassazzjoni jistgħu jiġu applikati minn Stati Membri, taħt kontoll fiskali, fil-każijiet li ġejjin:

— meta r-rati ivarjaw direttament mal-kwalità tal-prodott;

— meta r-rati ivarjaw minħabba l-livelli ta' konsum kwantitattiv għall-elettriku u prodotti ta' enerġija użati sabiex isaħħnu;

— għall-użu kif imsemmi hawn: trasport lokali pubbliku għall-passiġġieri (li jinkludi t-takxis), ġbir ta' skart, forzi armati u amministrazzjoni pubblika, persuni b'diżabilità, ambulanzi;

— bejn użu għan-negozju u dak li mhuwiex, għall-prodotti ta' enerġija u elettriku li hemm riferenza għalihom f'L-Artikoli 9 u 10.

*Artikolu 6*

Stati Membri għandhom ikunu liberi li jpoġġu fis-seħħ l-eżenzjonijiet u t-tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni kif preskritti minn din id-Direttiva, jew:

(a) direttament,

(b) u permezz ta' rata li tvarja,

ukoll

(ċ) permezz ta' rifużjoni kollha jew parti ta' l-ammont ta' tassazzjoni.

*Artikolu 7*

1. B'seħħ mill-1 ta' Jannar 2004 u mill-1ta' Jannar 2010, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti ta' karozzi għandhom ikunu fissi kif muri f'Annex I Table A.

Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2012, il-Kunsill, li jaġixxi unanimament wara li jikkonsulta il-Parlament Ewropew, għandu, fuq il-bażi ta' rapport u proposta mill-Kummissjoni, jiddeċiedi fuq il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq in-nafta għall-perjodu ieħor li jibda mill-1 ta' Jannar 2013.

2. Stati Membri għandhom jagħmlu differenza bejn użu kummerċjali u dak li mhuwiex tan-nafta użat bħala propellant, jekk kemm-il darba il-livelli minimi tal-Komunità ikunu osservati u r-rata għall-nafta kummerċjali użata bħala propellant ma tkunx inqas mill-livell ta' tassazzjoni nazzjonali b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2003, minkejja xi derogi għal dan l-użu kif imniżżel f'din id-Direttiva.

3. "Nafta kummerċjali użata bħala propellant" għandha tfisser nafta użata bħala propellant għall-skopijiet kif imniżżla hawn taħt:

(a) il-ġarr ta' oġġetti għall-kiri jew għar-rigal, jew għall-persuna stess, permezz ta' karozzi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi artikulati intenzjonati esklussivament għall-ġarr ta' oġġetti bit-triq li l-piż massimu permissibli huwa ta' mhux inqas minn 7,5 tunnellati;

(b) il-ġarr ta' passiġġieri, kemm permezz ta' servizz regolari jew okkażjonali, permezz ta' vettura fil-kategorija M2 jew kategorija M3, kif definita fid-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 fuq

▼B

l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' Stati Membri li jsemmu it-tip approvat ta' karozzi u l-karrijiet tagħhom ([1]).

4. Minkejja paragrafu 2, Stati Membri li jintroduċu sistema ta' piżijiet għall-karozzi fit-triq jew kombinazzjonijiet ta' vetturi artikulati intenzjonati esklussivament għall-ġarr ta' oġġetti bit-triq jistgħu japplikaw rata mnaqqsa fuq nafta użata minn dawn il-vetturi, li hija inqas mill-livell ta' tassazzjoni nazzjonali b'seħħ mill-1ta' Jannar 2003, jekk kemm-il darba il-piż tat-taxxa ġenerali tibqa' bejn wieħed u ieħor l-istess, ukoll il-livelli minimi tal-Komunità huma osservati u li l-livell ta' tassazzjoni nazzjonali b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2003 fuq nafta użata bħala propellant hija minn ta' l-inqas id-doppju tal-livell ta' tassazzjoni minimu applikabbli mill-1 ta' Jannar 2004.

*Artikolu 8*

1. B'seħħ mill-1 ta' Jannar 2004, minkejja l-Artikolu 7, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq prodotti uzati bħala karburant għal skopijiet imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu ffissati hekk kif imsemmija f'Annex I Tabella B.

2. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-skopijiet industrijali u kummerċjali kif imsemmija hawn taħt:

(a) xogħol agrikolu, ortikulturali jew pixxikulturali, u fil-foresti;

(b) magni stazzjonarji;

(ċ) impjant u makkinarju użati fil-kostruzzjoni, inġinerija ċivili u xogħlijiet pubbliċi;

(d) vetturi intenzjonati għall-użu mhux fuq triq pubblika jew li għadhom ma ngħatawx permess biex jintużaw l-iktar fi triq pubblika.

*Artikolu 9*

1. B'seħħ mill-1 ta' Jannar 2004, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti li jsaħħnu għandhom jiġu ffissati skond Annex I Tabella C.

2. Stati Membri, li mill-1 ta' Jannar 2003 huma awtorizzati li japplikaw ħlas għall-kontroll ta' nafta li jsaħħan, jistgħu jkomplu japplikaw rata mnaqqsa ta' EUR 10 kull 1 000 litru ta' dak il-prodott. Din l-awtorizzazzjoni se tiġi mneħħija fl-1 ta' Jannar 2007 jekk il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq il-bażi ta' rapport u proposta mill-Kummissjoni, hekk jiddeċiedi, wara li jkun ħa nota li l-livell tar-rata mnaqqsa huwa baxx ħafna sabiex jiġu evitati problemi ta' tfixkil f'negozju bejn Stati Membri.

*Artikolu 10*

1. B'seħħ mill-1 ta' Jannar 2004, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq elettriku għandhom jiġu ffissati skond Annex I Tabella C.

2. 'Il fuq mill-livelli minimi ta' tassazzjoni li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1, Stati Membri ikollhom l-għażla li jiddeċiedu l-bażi tat-taxxa applikabbli jekk kemm-il darba huma jirrispettaw Direttiva 92/12/KEE.

*Artikolu 11*

1. F'din id-Direttiva, "użu għal negozju" għandu jfisser l-użu minn entità kummerċjali, kif identifikat skond paragrafu 2, li indipendenta-

([1]) ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.

▼B

ment twettaq, f'kull post, il-provvista ta' oġġetti u servizzi, ikun xi jkun l-iskop jew ir-riżultati ta' dan it-tip ta' attivitajiet ekonomiċi.

L-attivitajiet ekonomiċi ikopru l-attivitajiet kollha ta' produtturi, negozjanti u persuni li jfornu servizzi li jinkludu xogħol fil-minjieri u attività agrikulturali u attività professjonali.

Stati, awtoritajiet governattivi reġjonali u lokali u istituzzjonijiet oħra immexxija mill-liġi pubblika ma għandhomx jiġu kkonsidrati bħala entitajiet kummerċjali fil-każ ta' attivitajiet u operazzjonijiet li huma jieħdu ħsieb bħala awtoritajiet pubbliċi. Madankollu, meta huma ikunu okkupati f'dawn l-attivitajiet u operazzjonijiet, huma għandhom jiġu kkonsidrati bħala negozju fil-każ ta' dawn l-attivitajiet jew operazzjonijiet u li f'każ li ma jkunux ikkonsidrati bħala negozju dan jista' jwassal għal tfixkil sostanzjali fil-kompetizzjoni.

2. Dwar din id-Direttiva, l-entità kummerċjali ma tistax tiġi kkonsidrata bħala iżgħar minn parti ta' intrapriża jew qafas legali li jekk tħares lejha minn lenti ta' organizzazzjoni tifforma negozju indipendenti li jfisser entità li tista' tiffunzjona bil-mezzi tagħha.

3. Fejn isir użu mħallat, it-tassazzjoni għandha tapplika skond kull tip ta' użu proporzjonalment, għalkemm fejn kemm l-użu għal kummerċ u dak li mhuwiex ikun bla valur, dan jista' jiġi trattat bħala nil.

4. Stati Membri jistgħu jillimitaw l-iskop ta' livell ta' tassazzjoni mnaqqsa għall-użu ta' negozju.

*Artikolu 12*

1. Stati Membri jistgħu jesprimu il-livelli nazzjonali tagħhom ta' tassazzjoni f'unitajiet barra minn dawk speċifikati f'L-Artikoli 7 sa 10 jekk kemm-il darba il-livelli korrispondenti ta' tassazzjoni, wara li jinqalbu f'unitajiet, ma jkunux inqas mill-livelli minimi kif speċifikati f'din id-Direttiva.

2. Għall-prodotti ta' enerġija speċifikati f'L-Artikoli 7, 8 u 9, b'livelli ta' tassazzjoni ibbażati fuq volumi, il-volum għandu jiġi mkejjel b'temperatura ta' 15 °C.

*Artikolu 13*

1. Għall-Stati Membri li ma adottawx l-euro, il-valur tal-euro f'muniti nazzjonali li għandu jiġi applikat mal-valur tal-livelli ta' tassazzjoni għandu jiġi iffissat darba kull sena. Ir-rati li jridu jiġu applikati għandhom ikunu dawk miġjuba fl-ewwel ġurnata ta' xogħol f'Ottubru u ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea u għandhom jiġu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja li jkun imiss.

2. Stati Membri jistgħu iżommu l-ammonti ta' tassazzjoni fis-seħħ sa dak iż-żmien li fih isir l-aġġustament annwali kif imsemmi fil-paragrafu 1 jekk il-konverżjoni ta' l-ammonti tal-livell ta' tassazzjoni espressi fil-munita euro jirriżulta f'żieda ta' inqas minn 5 % jew EUR 5, liema jkun l-inqas ammont, fil-livell ta' tassazzjoni espressa fil-munita nazzjonali.

*Artikolu 14*

1. Barra d-disposizzjonijiet ġenerali kif imniżżla f'Direttiva 92/12/KEE fuq użijiet eżenti ta' prodotti taxxabli, u mingħajr preġudizzju għall-disposizzjonijiet oħra tal-Komunità, Stati Membri għandhom jeżentaw dan li ġej mit-tassazzjoni b'kondizzjonijiet li huma għandhom jagħmlu biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta u sempliċi ta' dawn l-eżenzjonijiet u biex jimpedixxu l-evażjoni, ħrib mit-taxxa jew abbuż:

(a) prodotti ta' enerġija u elettriku użati biex jipproduċu elettriku u elettriku użat biex iżomm il-produzzjoni ta' l-elettriku. Madankollu, Stati Membri jistgħu, għal raġunijiet ta' politika dwar l-ambjent,

▼B

jissotomettu dawn il-prodotti għall-tassazzjoni mingħajr ma joqgħodu jirrispettaw il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif imniżżla f'din id-Direttiva. F'każ bħal dan, it-tassazzjoni ta'dawn il-prodotti ma għandhiex tiġi ikkonsidrata sabiex tissodisfa il-livell minimu ta' tassazzjoni fuq l-elettriku kif imniżżel fl-Artikolu 10;

(b) prodotti ta' enerġija forniti biex jintużaw bħala karburant għall-iskop ta' navigazzjoni bl-ajru barra minn safar b'mod privat u għall-divertiment.

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva "safar privat u għall-divertiment" għandu jfisser l-użu ta' ajruplan minn sidu jew il-persuna naturali jew ġuridika li jgawdi mill-użu tiegħu permezz ta' kiri jew mezzi oħra, għall-skopijiet oħra mhux kummerċjali u b'mod partikolari dak li ma għandux jaqsam ma ġarr ta' passiġġieri jew oġġetti jew fornitura ta' servizzi bil-ħlas jew għall-iskopijiet ta' awtoritajiet pubbliċi.

Stati Membri jistgħu jillimitaw l-iskop ta' din l-eżenzjoni għall-provvisti ta' karburant tal-jet (Kodiċi NM 2710 19 21);

(ċ) prodotti ta' enerġija forniti għall-użu ta' karburant għall-skopijiet ta' navigazzjoni fl-ibħra ġewwa l-Komunità(tinkludi s-sajd), barra minn dgħajjes għall-użu privat jew għall-divertiment, u elettriku magħmul abbord xi dgħajsa.

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva "dgħajsa għall-użu privat jew għall-divertiment" għandha tfisser kull dgħajsa użata mis-sid tagħha jew il-persuna naturali jew ġuridika li tgawdi mill-użu tagħha permezz ta' kiri jew mezzi oħra, għall-skopijiet oħra mhux kummerċjali u b'mod partikolari dak li ma għandux jaqsam ma' ġarr ta' passiġġieri jew oġġetti jew fornitura ta' servizzi bil-ħlas jew għall-iskopijiet ta' awtoritajiet pubbliċi.

2. Stati Membri jistgħu jillimitaw l-iskop ta' l-eżenzjonijiet kif provvduti fil-paragrafu 1(b) u (c) għall-trasport internazzjonali u ġewwa l-Komunità. Barra dan, fejn Stat Membru ikun daħal fi ftehim bilaterali ma' Stat Membru ieħor, dan jista' jirrinunzja l-eżenzjonijiet provvduti fil-paragrafu 1(b) u (c). F'dawn il-każijiet, Stati membri jistgħu japplikaw livell ta' tassazzjoni inqas mill-livell minimu provvdut f'din id-Direttiva.

*Artikolu 15*

1. Mingħajr preġudizzju għall-provissjonijiet oħra tal-Komunità, Stati Membri jistgħu japlikaw taħt kontroll fiskali l-eżenzjonijiet jew tnaqqis kollu jew parti minnu fil-livell ta' tassazzjoni għal:

(a) prodotti taxxabli użati taħt kontroll fiskali fil-qasam ta' proġetti pilota għall-żvilupp teknoloġiku ta' iktar prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent jew dawk li għandhom "jaqsmu ma" karburanti minn riżorsi renovabbli;

(b) elettriku:

— ta' oriġini solari, riħ, mewġa, marea jew ġeotermali;

— ta' oriġini idrawlika magħmul f'installazzjoniet idroelettriċi;

— ġenerat minn bijomass jew minn prodotti magħmula minn bijomass;

— ġenerat mill-metanju li ħareġ minn minjieri tal-faħam abbandunati;

— ġenerat minn ċelloli tal-karburant;

(ċ) prodotti ta' enerġija u elettriku użati għall-ġenerazzjoni ta' sħana u kapaċità kkombinati;

(d) elettriku magħmul minn ġenerazzjoni ta' sħana u kapaċità kkombinati, jekk kemm-il darba il-ġeneraturi kkombinati ma jagħmlux ħsara lil ambjent. Stati Membri jistgħu japplikaw definizzjonijiet

▼B

nazzjonali ta' "ma jagħmlux ħsara lil ambjent" (jew effiċjenza għolja) koġenerazzjoni tal-produzzjoni sa ma l-Kunsill, fuq il-bażi ta' rapport u proposta mill-Kummissjoni, unanimament jadotta definizzjoni komuni;

(e) prodotti ta' enerġija u elettriku użati għall-ġarr ta' oġġetti u passiġġiera bil-ferrovija, metro, tramm u karozza tal-linja li taħdem bl-elettriku;

(f) prodotti ta' enerġija forniti għall-użu bħala karburant għall-navigazzjoni f'baħar ġewwa l-pajjiż (tinkludi s-sajd) barra minn dgħajsa għall-użu privat jew għall-divertiment u elettriku magħmul abbord xi dgħajsa;

(g) Gass naturali fi Stati Membri fejn is-sehem ta'gass naturali fil-konsum finali ta' enerġija kien inqas minn 15 % fl-2000;

L-eżenzjonijiet totali jew parzjali jistgħu japplikaw għall-perjodu massimu ta' għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva jew sakemm is-sehem nazzjonali ta' gass naturali fil-konsum finali ta' enerġija jilħaq il-25 %, liema wieħed jiġi qabel. Madankollu, hekk kif is-sehem nazzjonali ta' gass naturali fil-konsum finali ta' enerġija jilħaq l-20 %, l-Istati Membri konċernati għandhom japplikaw b'mod strett livell ta' tassazzjoni pożittiva, li għandha tiżdied kull sena biex b'hekk tintlaħaq għall-inqas ir-rata sa l-aħħar tal-perjodu msemmi iktar 'il fuq.

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq jistgħu japplikaw l-eżenzjonijiet totali jew parzjali jew tnaqqis għall-gass naturali seperatament għall-Irlanda ta' Fuq;

(h) l-elettriku, gass naturali, faħam u karburanti solidi użati għad-djar u/ jew minn organizzazzjonijiet rikonnuxuti bħala karitatevoli mill-Istati Membri konċernati. Fil-każ ta' organizzazzjonijiet karitatevoli, Stati Membri jistgħu jillimitaw l-eżenzjoni jew tnaqqis għall-użu għall-iskop ta' attivitajiet mhux kummerċjali. Fejn isir użu doppju, it-tassazzjoni għandha tiġi applikata f'proporzjon ma' kull tip ta' użu. Jekk xi użu huwa bla valur, jista' jiġi trattat bħala nil;

(i) gass naturali u LPG użati bħala propellant;

(j) karburanti tal-karozzi użati fil-qasam tal-manifattura, żvilupp, ittestjar u manteniment ta' ajruplani u bastimenti;

(k) karburanti tal-karozzi użati għall-tħammil tal-ħama f'kanali navigabbli jew fil-portijiet;

(l) prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 2705 użati sabiex isaħħnu.

2. Stati Membri jistgħu ukoll jagħmlu rifużjoni lil produttur ftit jew l-ammont kollu tat-taxxa mħallsa mill-konsumatur fuq elettriku magħmula minn prodotti speċifikati fil-paragrafu 1(b).

3. Stati Membri jistgħu japplikaw livell ta' tassazzjoni b'rata sa zero fuq prodotti ta' enerġija u elettriku użati f'xogħol agrikolu, ta' l-ortikultura jew pixxikultura u tal-forestrija.

Fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu, qabel l-1 ta' Jannar 2008 jeżamina jekk il-possibilità li tiġi applikata livell ta' tassazzjoni sa zero tiġix mneħħija.

*Artikolu 16*

1. Stati Membri jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, japplikaw xi eżenzjoni jew rata mnaqqsa ta' tassazzjoni taħt kontroll fiskali fuq prodotti taxxabli li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 2 fejn dawn il-prodotti ikunu magħmula minn, jew ikollhom, wieħed jew iktar minn dawn il-prodotti li ġejjin:

— prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 1507 sa 1518;

▼B

— prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 3824 90 55 u 3824 90 80 sa 3824 90 99 għall-komponenti tagħhom prodotti mill-bijomass;

— prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 2207 20 00 u 2905 11 00 li mhumiex ta' oriġini sintetika;

— prodotti magħmula minn bijomass, li jinkludu prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 4401 u 4402.

Stati Membri jistgħu ukoll japplikaw taxxa mnaqqsa ta' tassazzjoni taħt kontroll fiskali fuq il-prodotti taxxabli li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 2 fejn dawn il-prodotti għandhom kontenut ta' ilma (Kodiċi NM 2201 u 2851 00 10).

"Bijomass" għandha tfisser il-frazzjoni bijodegradabbli ta' prodotti, skart u fdalijiet ta' l-agrikultura (u tinkludi sustanzi veġetali u ta' l-annimali), forestrija u industriji relatati, kif ukoll il-frazzjoni bijodegradabbli ta' skart industrijali u muniċipali.

2. L-eżenzjoni jew tnaqqis fit-tassazzjoni li jirriżulta wara l-applikazzjoni tar-rata mnaqqsa kif imniżżla fil-paragrafu 1 ma tistax tkun ikbar mill-ammont ta' tassazzjoni pagabbli fuq il-volum ta' prodotti riferuti fil-paragrafu 1 u li huwa preżenti fil-prodotti eliġibbli għal dan it-tnaqqis.

Il-livelli ta' tassazzjoni li jiġu applikati mill-Istati Membri fuq il-prodotti magħmula minn jew li għandhom kontenut ta' prodotti riferuti fil-paragrafu 1 jistgħu ikunu inqas mill-livelli minimi speċifikati fl-Artikolu 4.

3. L-eżenzjoni jew tnaqqis fit-tassazzjoni applikati minn Stati Membri għandhom jiġu aġġustati wara li tieħu in konsiderazzjoni it-tibdil fil-prezzijiet ta' materja prima u b'hekk tevita ikkumpensar iktar milli suppost ta' spejjeż oħra li jsiru minħabba manifattura ta' prodotti riferuti fil-paragrafu 1.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2003, Stati Membri jistgħu jeżentaw jew ikomplu jeżentaw prodotti unikament jew kważi unikament magħmula minn prodotti riferuti fil-paragrafu 1.

5. L-eżenzjoni jew tnaqqis provvduti għall-prodotti riferuti fil-paragrafu 1 jistgħu jingħataw taħt program multiannwali permezz ta' awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità amministrattiva lil xi operatur ekonomiku għal iktar minn sena kalendarja. L-eżenzjoni jew tnaqqis awtorizzati ma jistgħux jiġu applikati għall-perjodu ta' iktar minn sitt snin wara xulxin. Dan il-perjodu jista' jiġi mġedded.

Bħala parti minn program multiannwali awtorizzat minn xi awtorità amministrattiva qabel il-31 ta' Diċembru 2012, Stati Membri jistgħu japplikaw l-eżenzjoni jew tnaqqis taħt paragrafu 1 wara il-31 ta' Diċembru 2012 u sa l-aħħar tal-programm multiannwali. Dan il-perjodu ma jistax jiġi mġedded.

6. Jekk Stati Membri ikunu meħtieġa, permezz ta' liġi Komunitarja, iħarsu obligazzjonijiet legalment vinkolanti, biex ipoġġu fis-swieq tagħhom proporzjon minimu ta' prodotti riferuti fil-paragrafu 1, paragrafi 1 sa 5 ma għandhomx jibqgħu japplikaw mid-data meta dawn l-obligazzjonijiet isiru vinkolanti fuq l-Istati Membri.

7. Stati Membri għandhom jikkomunikaw lil Kummissjoni l-iskeda ta' tnaqqis ta' taxxa jew eżenzjonijiet applikati skond dan l-Artikolu sal-31 ta' Diċembru 2004 u kull tnax–il xahar wara.

8. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni għandha tirraporta lill-Kunsill fuq l-aspetti fiskali, ekonomiċi, agrikulturali, enerġetiċi, industrijali u ambjentali fuq it-tnaqqis mogħtija skond dan l-Artikolu.

*Artikolu 17*

1. Jekk kemm-il darba il-livelli minimi ta' tassazzjoni preskritti f'din id-Direttiva ikunu rispettati fuq livell ġenerali għal kull negozju, Stati membri jistgħu japplikaw tnaqqis fit-taxxa fuq il-konsum ta' prodotti ta'

▼B

enerġija użati sabiex isaħħnu jew għall-skopijiet skond l-Artikolu 8(2) (b) u (ċ) u fuq l-elettriku fil-każijiet li ġejjin:

(a) favur negozju konċentrat fl-enerġija

“negozju konċentrat fl-enerġija” għandu jfisser entità kummerċjali, kif riferita fl-Artikolu 11, fejn jew ix-xiri ta' prodotti ta' enerġija u elettriku jammontaw għal ta' l-inqas 3,0 % tal-valur tal-produzzjoni jew it-taxxa nazzjonali pagabbli fuq l-enerġija tammonta għal ta' l-inqas 0,5 % tal-valur miżjud. F'din id-definizzjoni, Stati membri jistgħu japplikaw kunċetti iktar ristretti, li jinkludi il-valur tal-bejgħ, definizzjonijiet proċessorjali u settorjali.

“Xiri ta' oġġetti ta' l-enerġija u elettriku” għandu jfisser l-ispiża attwali enerġija mixtrija jew iġġenerata fin-negozju. Prodotti ta' elettriku, sħana u enerġija biss u li jintużaw sabiex isaħħnu jew skon l-iskopijiet ta' l-Artikolu 8(2)(b) u (ċ) huma inklużi. It-taxxi kollha huma inklużi, ħlief il-VAT li trid titnaqqas.

“Valur tal-produzzjoni” għandu jfisser bejgħ, u jinkludi sussidji direttament marbutin mal-prezz tal-prodott, iżżid u tnaqqas it-tibdil fl-istokks ta' oġġetti lesti, xogħol mhux lest u oġġetti u servizzi mixtrija biex jerġgħu jinbiegħu, naqqas ix-xiri ta' oġġetti li se jerġgħu jinbiegħu.

“Valur miżjud” għandu jfisser il-bejgħ totali li fuqu tapplika il-VAT li jinkludi bejgħ permezz ta' esportazzjoni u tnaqqas ix-xiri totali li fuqu tapplika il-VAT inkluż dawk l-oġġetti importati.

Stati Membri, li bħalissa japplikaw sistemi ta' taxxa nazzjonali dwar l-enerġija u fejn negozji li huma konċentrati fuq l-enerġija huma definiti skond kriterji barra minn spejjeż ta' enerġija meta tqabbel mal-valur tal-produzzjoni u taxxa nazzjonali pagabbli fuq l-enerġija mqabbla mal-valur miżjud, għandhom jingħataw perjodu ta' transizzjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2007 biex jadottaw għad-definizzjoni kif imniżżla f'punt (a) l-ewwel subparagrafu;

(b) fejn ikun hemm ftehim milħuq bl-impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi, jew fejn skemi ta' permessi negozzjabbli jew arranġamenti ekwivalenti ikunu implimentati, jekk kemm-il darba iwasslu biex jintlaħqu l-oġġettivi dwar protezzjoni ambjentali jew titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija.

2. Minkejja l-Artikolu 4(1), Stati Membri jistgħu japplikaw livell ta' tassazzjoni sa zero fuq prodotti ta' enerġija u elettriku kif definit fl-Artikolu 2, meta jkunu użati għall-negozji konċentrati fuq enerġija kif definit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Minkejja l-Artikolu 4(1), Stati Membri jistgħu japplikaw livell ta' tassazzjoni sa 50 % tal-livelli minimi f'din id-Direttiva għall-prodotti ta' enerġija u elettriku kif definit fl-Artikolu 2, meta użati minn entitajiet kummerċjali kif definit fl-Artikolu 11, li mhumiex konċentrati fuq enerġija kif definit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Negozji li jgawdu mill-possibilitajiet li hemm rifernza għalihom f'paragrafi 2 u 3 għandhom jidħlu fi ftehim, skemi ta' permessi negozjabbli jew arranġamenti ekwivalenti kif hemm riferut fil-paragrafu 1(b). Il-ftehim, skemi ta' permessi negozjabbli jew arranġamenti ekwivalenti għandhom iwasslu biex jintlaħqu għanijiet ambjentali jew effiċjenza ikbar fl-enerġija, ġeneralment ekwivalenti għal dak li seta' nkiseb li kieku r-rati minimi standard tal-Komunità kienu osservati.

*Artikolu 18*

1. ►M1 Bħala deroga mid-disposizzjonijit tad-Direttiva preżenti, l-Istati Membri speċifikati fl-Anness II huma awtorizzati li jissoktaw japplikaw ir-riduzzjonijiet fil-livelli tat-tassazzjoni jew l-eżezjonijiet iddikjarati f'dan l-Anness. ◄

▼B

Suġġetta għall-reviżjoni minn qabel mill-Kunsill, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, din l-awtorizzazzjoni għandha tispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2006 jew fid-data speċifikata f'Annex II.

2. Minkejja il-perjodi ►M1 fil-paragrafi minn 3 sa 13 ◄ u jekk kemm-il darba dan ma jfixkilx b'mod sostanzjali il-kompetizzjoni, Stati membri b'diffikultajiet biex jimplimentaw il-livelli minimi ġodda ta' tassazzjoni jingħataw perjodu ta' transizzjoni sa l-1 ta' Jannar 2007, partikolarment sabiex jiġi evitat tfixkil fl-istabbilità tal-prezzijiet.

3. Ir-Renju ta' Spanja jista' japplika perjodu transitorju sa 1 ta' Jannar 2007 biex jaġġusta il-livell nazzjonali tiegħu ta' tassazzjoni fuq nafta użata bħala propellant għall-livell minimu ġdid ta' EUR 302 u sa l-1 ta' Jannar 2012 biex jilħaq EUR 330. Sal-31 ta' Diċembru 2009, tista' tiġi applikata ukoll rata imnaqqsa speċjali fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 287 kull 1 000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003 ma jiġux imnaqqsa. Mill-1 ta' Jannar 2010 sa l-1 ta' Jannar 2012, tista' tiġi applikata rata differenti fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 302 kull 1 000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010 ma jiġux imnaqqsa. Ir-rata speċjali mnaqqsa fuq l-użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant tista' tiġi applikata ukoll għall-takxis sa l-1 ta' Jannar 2012. Dwar l-Artikolu 7(3)(a), jista' japplika, sa l-1 ta' Jannar 2008, tagħbija massima permissibli ta' mhux inqas minn 3,5 tunnellati fid-definizzjoni ta' għanijiet kummerċjali.

4. Ir-Repubblika tal-Awstrija tista' tapplika perjodu transitorju sa l-1 ta' Jannar 2007 biex taġġusta il-livell nazzjonali tagħha ta' tassazzjoni fuq nafta użata bħala propellant għall-livell minimu ġdid ta' EUR 302 u sa l-1 ta' Jannar 2012 biex jilħaq EUR 330. Sal-31 ta' Diċembru 2009, tista' tiġi applikata ukoll rata imnaqqsa speċjali fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 287 per 1 000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003 ma jiġux imnaqqsa. Mill-1 ta' Jannar 2010 sa l-1 ta' Jannar 2012, tista' tiġi applikata rata differenti fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 302 kull 1 000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010 ma jiġux imnaqqsa.

5. Ir-Renju tal-Belġju jista' japplika perjodu transitorju sa 1 ta' Jannar 2007 biex jaġġusta il-livell nazzjonali tiegħu ta' tassazzjoni fuq nafta użata bħala propellant għall-livell minimu ġdid ta' EUR 302 u sa l-1 ta' Jannar 2012 biex jilħaq EUR 330. Sal-31 ta' Diċembru 2009, tista' tiġi applikata ukoll rata imnaqqsa speċjali fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 287 kull 1 000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003 ma jiġux imnaqqsa. Mill-1 ta' Jannar 2010 sa l-1 ta' Jannar 2012, tista' tiġi applikata ukoll rata imnaqqsa speċjali fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 302 kull 1 000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010 ma jiġux imnaqqsa.

6. Il-Gran Duka tal-Lussemburgu jista' japplika perjodu transitorju sa 1 ta' Jannar 2009 biex jaġġusta il-livell nazzjonali tiegħu ta' tassazzjoni fuq nafta użata bħala propellant għall-livell minimu ġdid ta' EUR 302 us sa l-1 ta' Jannar 2012 biex jilħaq EUR 330. Sal-31 ta' Diċembru 2009, tista' tiġi applikata ukoll rata imnaqqsa speċjali fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 272 kull 1 000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003 ma jiġux imnaqqsa. Mill-1 ta' Jannar 2010 sa l-1 ta' Jannar 2012, tista' tiġi applikata rata differenti fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 302 kull 1 000 l

▼B

u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010 ma jiġux imnaqqsa.

7. Ir-Repubblika tal-Portugal tista' tapplika livelli ta' tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku kkonsmati fir-Reġjuni Awtonomi ta' l-Azores u l-Madeira inqas mill-livelli minimi ta' tassazzjoni kif imniżżel f'din id-Direttiva biex b'hekk tikkumpensa għall-ispejjeż ta' trasport magħmula bħala riżultat tan-natura insulari u dispersa ta' dawn ir-reġjuni.

Ir-Repubblika tal-Portugal tista' tapplika perjodu transitorju sa 1 ta' Jannar 2009 biex taġġusta il-livell nazzjonali tiegħu ta' tassazzjoni fuq nafta użata bħala propellant għall-livell minimu ġdid ta' EUR 302 u sa l-1 ta' Jannar 2012 biex jilħaq EUR 330. Sal-31 ta' Diċembru 2009, tista' tiġi applikata ukoll rata differenti fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 272 kull 1 000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003 ma jiġux imnaqqsa. Mill-1 ta' Jannar 2010 sa l-1 ta' Jannar 2012, tista' tiġi applikata rata differenti fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 302 kull 1 000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010 ma jiġux imnaqqsa. Ir-rata differenzali fuq l-użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant tista' tiġi applikata ukoll għal takxis sa l-1 ta' Jannar 2012. Dwar l-Artikolu 7(3)(a), jista' japplika, sa l-1 ta' Jannar 2008, tagħbija massima permissibli ta' mhux inqas minn 3,5 tunnellati fid-definizzjoni ta' għanijiet kummerċjali.

Ir-Repubblika tal-Portugal tista' tapplika eżenzjonijiet totali jew parzjali fil-livell ta' tassazzjoni ta' l-elettriku sa l-1 ta' Jannar 2010.

8. Ir-Repubblika Ellenika tista' tapplika livelli ta' tassazzjoni sa EUR 22 kull 1 000 l-inqas mir-rati minimi mniżżla f'din id-Direttiva fuq nafta użata bħala propellant u fuq il-petrol kkonsmat fid-dipartimenti ta' Lesbos, Chios, Samos, id-Dodecanese u Cyclades u fuq dawn il-gżejjer fl-Eġew kif ġej: Thasos, Sporades ta' Fuq, Samothrace u Skiros.

Ir-Repubblika Ellenika tista' tapplika perjodu transitorju sa l-1 ta' Jannar 2010 biex jaqleb is-sistema kurrenti ta' tassazzjoni tad-dħul ta' l-elettriku f'sistema ta' tassazzjoni tal-ħruġ u biex jintlaħaq il-livell minimu ġdid ta' tassazzjoni fuq il-petrol.

Ir-Repubblika Ellenika tista' tapplika perjodu transitorju sa l-1 ta' Jannar 2010 biex taġġusta il-livell nazzjonali tagħha ta' tassazzjoni fuq nafta użata bħala propellant għall-livell minimu ġdid ta' EUR 302 sa l-1 ta' Jannar 2012 biex jilħaq EUR 330. Sal-31 ta' Diċembru 2009, tista' tiġi applikata ukoll rata differenzata fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 264 kull 1 000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003 ma jiġux imnaqqsa. Mill-1 ta' Jannar 2010 sa l-1 ta' Jannar 2012, tista' tiġi applikata rata differenzata fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm il-darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 302 kull1 000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010 ma jiġux imnaqqsa. Ir-rata differenzali fuq l-użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant tista' tiġi applikata ukoll għall-takxis sa l-1 ta' Jannar 2012. Dwar l-Artikolu 7(3)(a), jista' japplika, sa l-1 ta' Jannar 2008, tagħbija massima permissibli ta' mhux inqas minn 3,5 tunnellati fid-definizzjoni ta' għanijiet kummerċjali.

9. L-Irlanda tista' tapplika eżenzjonijiet u tnaqqis totali jew parzjali fil-livell ta' tassazzjoni sa l-1 ta' Jannar 2008.

10. Ir-Repubblika Franċiża tista' tapplika eżenzjonijiet u tnaqqis totali jew parzjali għall-prodotti ta' enerġija u elettriku użati mill-Istat, awtoritajiet governattivi reġjonali u lokali jew istituzzjonijiet oħra immexxija mill-liġi pubblika, dwar l-attivitajiet jew operazzjonijiet fejn huma jiġu mqabbda bħala awtoritajiet pubbliċi sa l-1ta' Jannar 2009.

▼B

Ir-Repubblika Franċiża tista' tapplika għall-perjodu transitorju sa l-1 ta' Jannar 2009 biex tadatta is-sistema preżenti tagħha fuq l-elettriku għad-disposizzjonijiet mniżżla f'din id-Direttiva. Waqt dan il-perjodu, il-livell ta' medja globali tat-tassazzjoni lokali u preżenti fuq l-elettriku għandha tiġi kkonsidrata biex tara jekk ir-rati minimi mniżżla f'din id-Direttiva humiex rispettati.

11. Ir-Repubblika Taljana tista' tapplika, sa l-1 ta' Jannar 2008, tagħbija massima permissibli ta' mhux inqas minn 3,5 tunnellati fid-definizzjoni t'għanijiet kummerċjali mogħtija fl-Artikolu 7(3)(a).

12. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tista' tapplika, sa l-1 ta' Jannar 2008, tagħbija massima permissibli ta' 12-il tunnellata fid-definizzjoni ta' għanijiet kummerċjali mogħtija fl-Artikolu 7(3)(a).

13. Ir-Renju ta' l-Olanda jista' japplika, sa l-1 ta' Jannar 2008, tagħbija massima permissibli ta'12-il tunnellata fid-definizzjoni t' għanijiet kummerċjali mogħtija fl-Artikolu 7(3)(a).

14. Fil-perjodi transitorji stabbiliti, Stati Membri għandhom bil-mod inaqqsu d-differenzi rispettivi tagħhom dwar il-livelli minimi ġodda ta' tassazzjoni. Madankollu, meta d-differenza bejn il-livell nazzjonali u l-livell minimu ma jeċċedix it-3 % ta' dak il-livell minimu, L-Istat Membru konċernat għandu jistenna sa l-aħħar tal-perjodu biex jaġġusta il-livell nazzjonali.

▼M1

*L-Artikolu 18a*

1. Bħala deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva preżenti, l-Istati Membri speċifikati fl-Anness II huma awtorizzati li jissoktaw japplikaw ir-riduzzjonijiet fil-livelli tat-tassazzjoni jew l-eżenzjonijiet iddikjarati f'dan l-Anness.

Bla ħsara għal rivista minn qabel mill-Kunsill, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, din l-awtorizzazzjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2006 jew fid-data speċifikata fl-Anness III.

2. Minkejja l-perjodi taż-żmien iddikjarati fil-paragrafi minn 3 sa 11 u sakemm dan ma jgħawwiġx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni, l-Istati Membri b'diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-livelli minimi l-ġodda tat-tassazzjoni għandhom jiġu permessi perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2007, b'mod partikolari għalbiex jevitaw li jipperikolaw l-istabbiltà tal-prezzijiet.

3. Ir-Repubblika Ċeka tista' tapplika eżenzjonijiet jew riduzzjonijiet totali jew parzjali fil-livell tat-tassazzjoni ta' l-elettriku, il-karburanti solidi u l-gass naturali sa l-1 ta' Jannar 2008.

4. Ir-Repubblika ta' l-Estonja tista tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass użat bħala propellant għal-livell massimu l-ġdid ta' 330 EUR għal kull 1 000 litru mill-1 ta' Mejju 2004.

Ir-Repubblika ta' l-Estonja tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq il-petrol ta mingħajr ċomb użat bħala propellant għal-livell massimu l-ġdid ta' 359 EUR għal kull 1 000 litru mill-1 ta' Mejju 2004.

Ir-Repubblika ta' l-Estonja tista' tapplika eżenzjoni totali mit-tassazzjoni tal-ġebel tafli taż-żejt sa l-1 ta Jannar 2009. Sa l-1 ta' Jannar 2013, tista' barra minn hekk tapplika rata mnaqqsa fil-livell tat-tassazzjoni tal-ġebel tafli taż-żejt, sakemm dan ma jirriżultax f'tassazzjoni iktar baxxa minn 50 % tar-rata minimua Komunitarja rilevanti mill-1 ta' Jannar 2011.

Ir-Repubblika ta' l-Estonja tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonli tagħha tat-tassazzjoni fuq il-ġebel tafli taż-żejt użat għal-għanijiet distrettwali tas-sħana għal-livell minimu tat-tassazzjoni.

▼M1

Ir-Repubblika ta' l-Estonja tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannart 2010 għalbiex taqleb is-sistema korrenti tagħha ta' *input* ta' tassazzjoni fuq l-eletriku għal sistema ta' tassazzjoni fuq l-*output* ta' l-elettriku.

5. Ir-Repubblika tal-Latvija tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass u l-pitrolju wżati bħala propellant għal-livell minimu l-ġdid ta' 302 EUR għal kuill 1 000 litru u sa l-1 ta' Jannar 2013 sabiex jilħaq it-330 EUR. Madankollu, il-livell tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass u l-pitrolju ma għandux ikun ikun inqas minn 245 EUR għal kull 1 000 litru mill-1 ta' Mejju 2004 u mhux inqas minn 274 EUR għal kull 1 000 litru mill-1 ta' Jannar 2008.

Ir-Repubblika tal-Latvija tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2011 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq il-petrol ta' mingħajr ċomb użat bħala propellant għal-livell massimu l-ġdid ta' 359 EUR għal kull 1 000 litru mill-1 ta' Mejju 2004. Madakollu l-livell tat-tassazzjoni fuq il-petrol ta' mingħajr ċomb ma jisatax ikun inqas minn 287 EUR għal kull 1 000 litru mill-1 ta Mejju 2004 u mhux inqas minn 323 EUR għal kull 1 000 litru mill-1 ta' Jannar 2008.

Ir-Repubblika tal-Latvija tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tqil tal-karburant użat għal-għanijiet distrettwali tas-sħana għal-livell minimu tat-tassazzjoni.

Ir-Repubblika tal-Latvija tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq l-elettriku għal-livelli minimi tat-tassazzjoni. Madankollu, il-livell tat-tassazzjoni fuq l-elettriku ma għandux ikun inqas minn 50 % tar-rati minimi Komunitarji rilevanti mill-1 ta' Jannar 2007.

Ir-Repubblika tal-Latvija tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2009 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq il-faħam u l-kokk għal-livelli minimi rilevanti tat-tassazzjoni. Madankollu, il-livell tat-tassazzjoni fuq il-faħam u l-kokk ma għandux ikun inqas minn 50 % tar-rati minimi Komunitarji rilevanti mill-1 ta' Jannar 2007.

6. Ir-Repubblika tal-Lituwanja tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2011 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass u l-pitrolju wżati bħala propellant għal-livell minimu l-ġdid ta' 302 EUR għal kuill 1 000 litru u sa l-1 ta' Jannar 2013 sabiex jilħaq it-330 EUR. Madankollu, il-livell tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass u l-pitrolju ma għandux ikun ikun inqas minn 245 EUR għal kull 1 000 litru mill-1 ta' Mejju 2004 u mhux inqas minn 274 EUR għal kull 1 000 litru mill-1 ta' Jannar 2008.

Ir-Repubblika tal-Lituwanja tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2011 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq il-petrol ta' mingħajr ċomb użat bħala propellant għal-livell massimu l-ġdid ta' 359 EUR għal kull 1 000 litru mill-1 ta' Mejju 2004. Madankollu l-livell tat-tassazzjoni fuq il-petrol ta' mingħajr ċomb ma jistax ikun inqas minn 287 EUR gal kull 1 000 litru mill-1 ta Mejju 2004 u mhux inqas minn 323 EUR gal kull 1 000 litru mill-1 ta' Jannar 2008.

7. Ir-Repubblika ta' l-Ungerija tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq l-elettriku, il-gass naturali, l-faħam u l-kokk użati għall-għanijiet distrettwali tas-sħana għal-livelli minimi rilevanti tat-tassazzjoni.

8. Ir-Repubblika ta' Malta tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq l-elettriku. Madankollu, il-livell tat-tassazzjoni fuq l-elettriku ma għandux ikun inqas minn 50 % tar-rati minimi Komunitarji rilevanti mill-1 ta' Jannar 2007.

▼M1

Ir-Repubblika ta' Malta tista tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass u l-pitrolju wżati bħala propellant għal-livell massimu l-ġdid ta' 330 EUR għal kull 1 000 litru mill-1 ta' Mejju 2004. Madankollu, l-livelli tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass u l-pitrolju ma għandhomx ikunu inqas minn 245 EUR għal kull 1 000 litru mill-1 ta' Mejju 2004.

Ir-Repubblika ta' Malta tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2009 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq il-petrol ta' mingħajr ċomb u fuq il-petrol biċ-ċomb għal-livelli minimi rilevanti tat-tassazzjoni. Madankollu, il-livelli tat-tassazzjoni fuq il-petrol ta' mingħajr ċomb u fuq il-petrol biċ-ċomb ma għandhomx ikunu inqas minn 287 EUR għal kull 1 000 litru u 337 EUR għal kull 1 000 litru rispettivament mill-1 ta Mejju 2004.

Ir-Repubblika ta' Malta tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq il-gass naturali wżat bħala karburant tas-sħana għal-livelli minimi rilevanti tat-tassazzjoni. Madankollu, ir-rati effettivi tat-taxxa applikati għall-gass naturali ma għandhomx ikunu inqas minn 50 % tar-rati minimi Komunitarji rilevanti mill-1 ta Jannar 2007.

Ir-Repubblika ta' Malta tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2009 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq il-karburant solidu għal-livelli minimi tat-tassazzjoni. Madankollu, ir-rati effettivi tat-taxxa applikati għall-gass naturali ma għandhomx ikunu inqas minn 50 % tar-rati minimi omunitarji rilevanti mill-1 ta Jannar 2007.

9. Ir-Repubblika tal-Polonja tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2009 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq il-petrol ta' mingħajr ċomb użat bħala propellant għal-livell massimu l-ġdid ta' 359 EUR għal kull 1 000 litru mill-1 ta' Mejju 2004. Madankllu, il-livell tat-tassazzjoni fuq il-petrol ta' mingħajr ċomb ma għandux ikun inqas minn 287 EUR għal kull 1 000 litru mill-1 ta' Mejju 2004.

Ir-Repubblika tal-Polonja tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass użat bħala propellant għal-livell minimu l-ġdid ta' 302 EUR għal kull 1 000 litru u sa l-1 ta' Jannar 2012 sabiex jilħaq it-330 EUR. Madankollu, il-livell tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass ma għandux ikun inqas minn 245 EUR għal kull 1 000 litru mill-1 ta' Mejju 2004 u mhux inqas minn 274 EUR għal kull 1 000 litru mill-1 ta' Jannar 2008.

Ir-Repubblika tal-Polonja tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2008 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tqil tal-karburant użat bħala propellant għal-livell massimu l-ġdid ta' 15-il EUR għal kull 1 000 kg. Madankllu, il-livell tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tqil tal-karburant ma għandux ikun inqas minn 13-il EUR għal kull 1 000 kg mill-1 ta Mejju 2004.

Ir-Repubblika tal-Polonja tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2012 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq il-faħam u l-kokk għal-livelli minimi rilevanti tat-tassazzjoni.

Ir-Repubblika tal-Polonja tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2012 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq il-faħam u l-kokk użati għall-għanijiet oħra tas-sħana għajr is-sħana distrettwali għal-livelli minimi rilevanti tat-tassazzjoni.

Ir-Repubblika tal-Polonja tista', sa l-1 ta' Jannar 2008, tapplika eżenzjonijiet jew riduzzjonijiet totali jew parzjali għaż-żejt tal-gass użat bħala karburant tas-sħana fl-iskejjel, l-iskejjel tan-nuna (*nursery*) u utilitajiet oħra pubbliċi, rigward l-attivitjiet jew it-transazzjonijiet li fihom jindaħlu bħala awtoritajiet pubbliċi.

▼M1

Ir-Repubblika tal-Polonja tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2006 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq l-elettriku fil-qafas Komunitarju.

10. Ir-Repubblika tas-Slovenja tista' tapplika, taħt kontroll fiskali, għall-eżenzjoni jew ir-riduzzjoni totali jew parzjali fil-livell tat-tassazzjoni fuq il-gass naturali. L-eżenzjoni jew ir-riduzzjoni totali jew pazjali jistgħu japplikaw sa Mejju 2014 jew sa meta s-sehem nazzjonali tal-gass naturali fil-konsum finali ta' l-enerġija jilħaq il-25 %, liema minnhom ikun l-iktar bikri. Madankollu, hekk kif is-sehem nazzjonali tal-gass naturali fil-konsum final ta' l-enerġija jilħaq il-20 %, is-Slovenja għandha tapplika livell strettament pożittiv ta' tassazzjoni, li għandu jżid il-bażi ta' kull sena sabiex mill-inqas jilħaq ir-rata minima mat-tmiem tal-perjodu taż-żmien riferit hawn fuq.

11. Ir-Repubblika Slovakka tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq l-elettriku u l-gass naturali wżati bħala karburant għas-sħana għal-livelli minimi rilevanti tat-tassazzjoni. Madankollu, il-livell tat-tassazzjoni fuq l-elettriku u l-gass naturali wżati bħala karburant għas-sħana ma għandux ikun inqas minn 50 % tar-rati minimi Komunitarji rilevanti mill-1 ta' Jannar 2007.

Ir-Repubblika Slovakka tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2009 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq il-karburanti solidi għal-livelli minimi tat-tassazzjoni. Madankollu, il-livell tat-tassazzjoni fuq il-karburant solidu ma għandux ikun inqas minn 50 % tar-rati minimi Komunitarji rilevanti mill-1 ta' Jannar 2007.

12. Ġewwa l-perjodi transitorji stabbiliti, l-Istati Membri għandhom inaqqsu b'mod progressiv l-ispazji vojta rispettvi tagħhom rigward il-livelli minimi l-ġodda tat-tasssazzjoni. Madankollu, meta d-differenza bejn il-livell nazzjonali u l-livell minimu ma taqbiżx it-3 % ta' dan il-livell minimu, l-Istat Membru interessat jista' jistenna sat-tmiem tal-perjodu taż-żmien għalbiex jaġġusta l-livell nazzjonali tiegħu.

▼M2

*Article 18b*

1. Minkejja l-perijodi imposti fil-paragrafu 2 u basta dan ma jfixkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni, l-Istati Membri li jkollhom diffikultajiet jimplimentaw il-livelli minimi ġodda ta' tassazzjoni għandhom jingħataw perijodu ta' transizzjoni sa l-1 ta' Jannar 2007, b'mod partikolari sabiex jevitaw li jipperikolaw l-istabilita tal-prezzijiet.

2. Ir-Repubblika ta' Ċipru tista' tapplika perijodu ta' transizzjoni sa l-1 Jannar 2008 biex taġġusta l-livelli minimi ta' tassazzjoni tagħha ta' gass naturali u pitrolju użati bħala propellant għall-livell minimu ġdid ta' EUR 302 għal kull 1000 l u sa l-1 ta' Jannar 2010 biex tilħaq EUR 330. Madankollu, il-livell ta' tassazzjoni fuq gass naturali u pitrolju użat bħala propellant m'għandux ikun inqas minn EUR 245 għal kull 1000 l mill-1 Mejju 2004.

Ir-Repubblika ta' Ċipru tista' tapplika perijodu ta' transizzjoni sa l-1 Jannar 2010 biex taġġusta l-livelli minimi ta' tassazzjoni tagħha fuq petrol bla ċomb użat bħala propellant għall-livell minimu ġdid ta' EUR 359 għal kull 1000 l. Madankollu, il-livell ta' tassazzjoni fuq petrol bla ċomb użat bħala propellant m'għandux ikun inqas minn EUR 287 għal kull 1000 l mill-1 Mejju 2004.

3. Matul il-perijodi ta' transizzjoni kif stabbiliti, l-Istati Membri għandhom inaqqsu b'mod progressiv id-diskrepanzi rispettivi tagħhom fir-rigward tal-livelli minimi ġodda ta' tassazzjoni. Madankollu, fejn id-differenza bejn il-livell nazzjonali u l-livell minimu ma taqbiżx it-3 % ta' dak il-livell minimu, l-Istat Membru kkonċernat jista' jistenna sa l-aħħar tal-perijodu biex jaġġusta l-livell nazzjonali.

▼B

*Artikolu 19*

1. Flimkien ma dawn id-disposizzjonijiet msemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari l-Artikolu 5, 15 u 17, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq xi proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet u tnaqqis għall-konsiderazzjonijiet politiki speċifiċi.

Stat Membru li jixtieq jintroduċi din il-miżura għandu jinforma il-Kummissjoni u għandu ukoll jipprovdi lil Kummissjoni bl-informazzjoni kollha relevanti u neċessarja.

Il-Kummissjoni għandha teżamina t-talba, u tieħu in konsiderazzjoni, inter alia, l-iffunzjonar kif suppost tas-suq intern, il-ħtieġa li tassigura kompetizzjoni ġusta u politiki tal-Komunità dwar saħħa, ambjent, enerġija u trasport.

Fi żmien tliet xhur milli tirċievi l-informazzjoni kollha relevanti u neċessarja, il-Kummissjoni għandha jew tippreżenta proposta għall-awtorizzazzjoni ta' miżura ta' dan it-tip mill-Kunsill jew, inkella, tinforma lill-Kunsill bir-raġunijiet għala ma għamlitx proposta għall-awtorizzazzjoni ta' miżura ta' dan it-tip.

2. L-awtorizzazzjoni riferuta fil-paragrafu 1 għandha tingħata għall-perjodu massimu ta' sitt snin, bil-possibilità ta' tiġdid skond il-proċedura mniżżla fil-paragrafu 1.

3. Jekk il-Kummissjoni tikkonsidra li l-eżenzjonijiet jew tnaqqis provduti fil-paragrafu 1 mhumiex iktar sostenibbli, partikolarment f'termini ta' kompetizzjoni ġusta jew tfixkil fl-operat tas-suq intern, jew f'termini tal-politika tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa, protezzjoni ta' l-ambjent, enerġija u trasport, hija għandha tissotometti proposti xierqa lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni unanima fuq dawn il-proposti.

*Artikolu 20*

1. Il-prodotti ta' enerġija li ġejjin biss għandhom ikunu suġġetti għad-disposizzjonijiet ta' kontroll u moviment tad-Direttiva 92/12/KEE:

(a) prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 1507 sa 1518, jekk dawn huma intenzjonati għall-użu bħala karburant li jsaħħan jew karburant tal-karozzi;

(b) prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 2707 10 , 2707 20 , 2707 30 u 2707 50;

(ċ) prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 2710 11 sa 2710 19 69. Madankollu, għal dawk il-prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 2710 11 21, 2710 11 25 u 2710 19 29, id- disposizzjonijiet ta' kontroll u moviment għandhom japplikaw biss għall-movimenti ta' volum kbir u kummerċjali;

(d) prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 2711 (ħlief 2711 11, 2711 21 u 2711 29);

(e) prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 2901 10;

(f) prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 2902 20 , 2902 30, 2902 41, 2902 42, 2902 43 u 2902 44;

(g) prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 2905 11 00, li mhumiex ta' oriġini sintetika, jekk dawn huma intenzjonati għall-użu bħala karburant li jsaħħan jew karburant tal-karozzi;

(h) prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 3824 90 99 jekk dawn huma intenzjonati għall-użu bħala karburant li jsaħħan jew karburant tal-karozzi.

2. Jekk Stat Membru isib li l-prodotti ta' enerġija ħlief dawk riferuti fil-paragrafu 1 huma intenzjonati għall-użu, offruti għall-bejgħ jew użati bħala karburant li jsaħħan, karburant tal-karozzi jew inkella li jagħti lok

▼B

għall-evażjoni, ħrieb mit-taxxa jew abbuż, huwa għandu javża lil Kummissjoni mill-ewwel. Din id-disposizzjoni għandha tapplika ukoll fuq l-elettriku. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din il-komunikazzjoni lil Stati Membri oħra fi żmien xhar ta' l-irċevuta. Deċiżjoni dwar jekk il-prodotti in kwistjoni għandhom ikunu suġġetti għall-disposizzjonijiet ta' kontroll u muviment fid-Direttiva 92/12/KEE għandha tiġi meħuda skond il-proċedura imniżżla fl-Artikolu 27(2).

3. Stati Membri jistgħu, skond ftehim bilaterali, jeħilsu minn ftit jew il-miżuri ta' kontroll kollha kif imniżżla f'Direttiva 92/12/KEE dwar il-prodotti kollha jew ftit minnhom riferuti fil-paragrafu 1, jekk kemm-il darba dawn ma humiex koperti minn l-Artikoli 7 sa 9 ta' din id-Direttiva. Dawn l-arranġamenti ma għandhomx jaffetwaw Stati Membri li ma għandhomx x'jaqsmu magħhom. Il-ftehim bilaterali kollu għandu jiġi notifikat lill-Kummissjoni, li għandha tinforma lil Membri Stati l-oħra.

*Artikolu 21*

1. Flimkien mad-disposizzjonijiet ġenerali li jiddefinixxu l-att li jwassal għal ħlas u d-disposizzjonijiet imniżżla f'Direttiva 92/12/KEE, l-ammont ta' tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija għandha tiġi dovuta fl-okkorrenza ta' wieħed mill-atti li jwassal għal ħlas msemmija fl-Artikolu 2(3).

2. Għall-għan ta' din id-Direttiva, il-kelma "produzzjoni" fl-Artikolu 4 (ċ) u 5(1) ta' Direttiva 92/12/KEE għandha tinkludi "estrazzjoni", fejn xieraq.

3. Il-konsum ta' prodotti ta' enerġija f'żona tmiss ma stabilliment li jipproduċi prodotti ta' enerġija ma għandux jiġi kknsidrat bħala l-att li jwassal għal ħlas li jagħti lok għall-tassazzjoni, jekk il-konsum jikkonsisti fi prodotti ta'enerġija magħmula fiż-żona ta' l-isatbbiliment. Stati membri jistgħu jikkonsidraw ukoll il-konsum ta' l-elettriku u prodotti oħra ta' enerġija li ma jiġux magħmula fiż-żona ta' stabbiliment bħal dan u l-konsum ta' prodotti ta' enerġija u elettriku fiż-żona tmiss ma stabbiliment fejn issir produzzjoni ta' karburanti biex jintużaw għall-ġenerazzjoni ta' elettriku li ma jagħtux lok għal l-att li jwassal għal ħlas. Fejn il-konsum isir għall-skopijiet li ma għandhomx x'jaqsmu mal-produzzjoni ta' prodotti ta' enerġija u b'mod partikolari għall-propulsjoni ta' vetturi, dan għandu jiġi kkonsidrat bħala l-att li jwassal għal ħlas, li jagħti lok għall-tassazzjoni.

4. Stati Membri jistgħu jagħmlu tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku li ssir dovuta meta tkun stabbilita kondizzjoni dwar l-użu finali kif imniżżel fir-regoli nazzjonali bl-għan li jintlaħaq livell ta' tassazzjoni jew eżenzjoni mnaqqas ma jkunx, jew mhux iktar, imwettaq.

5. Bl-iskop li japplika l-Artikoli 5 u 6 ta' Direttiva 92/12/KEE, eletrriċità u gass naturali għandhom ikunu suġġett għall-tassazzjoni u għandhom jiġu dovuti meta ssir il-fornitura mid-distributur jew ridistributur. Meta l-fornitura għall-konsum issir fi Stat Membru fejn id-distributur jew ridistributur mhuwiex stabbilit, it-taxxa tal-Membri Stati fuq il-fornitura għandha tkun dovuta lil xi kumpanija lit rid tkun reġistrata fl-Istat Membru fejn issir il-fornitura. Fil-każijiet kollha it-taxxa għandha ssir u miġbura skond proċeduri mniżżla minn kull Stat Membru.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, Stati Membri għandhom id-dritt li jiddeterminaw l-att li jwassal għal ħlas, fil-każ fejn ma jkunx hemm konnessjonijiet bejn il-linji tal-pajpijiet tal-gass tagħhom u dawk ta' Stati Membri oħra.

Entità li tipproduċi l-elettriku għall-użu tagħha stess għandha tiġi kkonsidrata bħala distributur. Minkejja l-Artikolu 14(1)(a), Stati Membri jistgħu jeżentaw produtturi żgħar ta' l-elettriku jekk kemm-il darba huma jintaxxaw il-prodotti ta' enerġija użati għall-produzzjoni ta' dik l-elettriku.

Bl-għan li japplikaw l-Artikoli 5 u 6 ta' Direttiva 92/12/KEE, faħam, kokk u faħam artab kannella għandhom ikunu suġġetti għall-tassazzjoni

▼B

u għandha ssir pagabbli meta ssir il-fornitura mill-kumpaniji, li għandhom ikunu reġistrati għal dan il-għan mill-awtoritajiet relevanti. Dawk l-awtoritajiet jistgħu iħallu lill-produttur, negozjant, importatur jew rappreżentat fiskali biex tissostitwixxi il-kumpanija reġistrata għall-obbligi fiskali imposti fuqha. It-taxxa għandha ssir u tinġabar skond il-proċeduri mniżżla minn kull Stat Membru.

6. Stati Membri jistgħu ma jittrattawx bħala "produzzjoni ta' prodotti ta' enerġija":

(a) operazzjonijiet li f'waqthom kwantitajiet żgħar ta' prodotti ta' enerġija jinkisbu inċidentalment;

(b) operazzjonijiet li permezz tagħhom min qed juża xi prodott ta' enerġija jagħmel l-użu tiegħu mill-ġdid possibli fl-impriża tiegħu jekk kemm-il darba it-tassazzjoni li tkun diga' mħallsa fuq dan il-prodott ma tkunx inqas mit-tassazzjoni li tkun dovuta jekk il-prodott ta' enerġija li reġa' ġie użat kien mill-ġdid suġġett għat-tassazzjoni;

(ċ) operazzjoni li tikkonsisti f'taħlit, barra minn stabbiliment ta' produzzjoni jew tax warehouse, prodotti ta' enerġija ma prodotti oħra ta' enerġija jew materjali oħra, jekk kemm-il darba:

(i) it-tassazzjoni fuq il-komponenti kienet imħallsa minn qabel; u

(ii) l-ammont imħallas ma huwiex inqas mill-ammont ta' taxxa li tkun dovuta fuq u t-taħlita.

Il-kondizzjoni taħt (i) ma għandhiex tapplika fejn it-taħlita tkun eżentata għal xi użu speċifiku.

*Artikolu 22*

Meta r-rati ta' tassazzjoni jinbidlu, stokks ta' prodotti ta' enerġija li jkunu diġa' rilaxxati għall-konsum tista' tkun suġġetta għall-żieda jew tnaqqis fit-taxxa.

*Artikolu 23*

Stati Membri jistgħu jagħmlu rifużjoni ta' l-ammonti ta' tassazzjoni li jkunu diġa' mħallsa fuq prodotti ta' enerġija kkontaminati jew mħallta aċċidentalment li jintbagħtu lura lil xi tax warehouse għal riċiklaġġ.

*Artikolu 24*

1. Prodotti ta' enerġija rilaxxati għal konsum f'xi Stat Membru, miżmuma f'tankijiet standard ta' vetturi kummerċjali u intenzjonati biex jintużaw bħala karburant mill-istess vetturi, kif ukoll dawk f'kontejners speċjali, u intenzjonati biex jintużaw għall-operazzjoni, waqt it-trasport, tas-sistemi li għandhom dawn l-istess kontejners ma għandhomx ikunu suġġett għall-tassazzjoni fi kwalunkwe Stat Membru ieħor.

2. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu,

"tankijiet standard" għandhom ifissru:

— it-tankijiet mwaħħla b'mod permanenti mill-manifattur mal-vetturi kollha ta' l-istess tip ta' vettura in kwestjoni u li l-apparat permanenti tagħhom jagħmel possibli li l-karburant jiġi użat direttament, kemm għall-iskop ta' propulsjoni u, fejn xieraq, għall-operazzjoni, waqt it-trasport, ta' sistemi li jkessħu u sistemi oħra. Tankijiet tal-gass mwaħħla ma' vetturi ddisinjati għall-użu dirett tal-gass bħala karburant u tankijiet mwaħħla ma' sistemi oħra li bihom vettura tista' tkun armata għandhom ikunu kkonsidrati ukoll bħala tankijiet standard;

— it-tankijiet mwaħħla b'mod permanenti mal-kontejners kollha ta' l-istess tip ta' kontejner in kwestjoni u li l-apparat permanenti tagħhom jagħmel possibli li l-karburant jiġi użat direttament għall-

▼B

operazzjoni, waqt it-trasport, tas-sistemi li jkessħu u sistemi oħra li bihom huma armati kontejners speċjali.

"Kontejner speċjali" għandu jfisser kwalunkwe kontejner armat b'apparat speċifikament ddisinjat għall-sistemi li jkessħu, sistemi li jagħtu l-ossiġenu, sistemi termali ta' insulazzjoni u sistemi oħra.

*Artikolu 25*

1. Stati Membri għandhom jinfurmaw lil Kummissjoni bil-livelli ta' tassazzjoni li huma japplikaw fuq prodotti mniżżla fl-Artikolu 2 nhar 1 ta' Jannar ta' kull sena u wara kull tibdi fil-liġi nazzjonali.

2. Fejn il-livelli ta' tassazzjoni applikati minn Stati Membri huma espress f'unitajiet ta' miżura differenti minn dawk speċifikati għal kull prodott f'L-Artikoli 7 sa 10, Stati Membri għandhom javżaw ukoll il-livelli ta' tassazzjoni korrispondenti wara konverżjoni f'dawn l-unitajiet.

*Artikolu 26*

1. Stati Membri għandhom javżaw lil Kummissjoni b'miżuri meħuda skond l-Artikoli 5, 14(2), 15 u 17.

2. Miżuri bħal eżenzjonijiet ta' taxxa, tnaqqis fit-taxxa, differenzi fit-taxxa u rifużjoni ta' taxxa fis-sens ta' din id-Direttiva tista' tikkonstitwixi għajnuna mill-Istat u f'dawk il-każijiet dawn għandhom jiġu notifikati lil Kummissjoni skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat.

L-informazzjoni provduta lil Kummissjoni buq il-bażi ta' din id-Direttiva ma tħollx lil Stati Membri mill-obligi ta' notifikazzjoni skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat.

3. L-obligu li tinforma lil Kummissjoni skond paragrafu 1 ta' miżuri meħuda skond l-Artikolu 5 ma tħollx lil Stati Membri mill-obligi ta' notifikazzjoni skond Direttiva 83/189/KEE.

*Artikolu 27*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat fuq it-Taxxi tas-Sisa kif mniżżel fl-Artikolu 24(1) tad-Direttiva 92/12/KEE.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw.

Il-perjodu imniżżel fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta ir-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

*Artikolu 28*

1. Stati Membri għandhom jadottaw u jippublikaw il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrativi neċessarji biex iħarsu ma' din id-Direttiva sa mhux aktat tard mill-31 ta' Diċembru 2003. Huma għandhom jinfurmaw b'dan mill-ewwel lil Kummissjoni.

2. Huma għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2004, ħlief id-disposizzjonijiet stabbiliti f'L-Artikoli 16 u 18(1), li jistgħu jiġu applikati minn Stati Membri mill-1 ta' Jannar 2003.

3. Meta Stati Membri jadottaw dawn il-miżuri, huma għandhom iżommu xi riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikollhom din ir-riferenza magħhom fl-okkażjoni tal-publikazzjoni uffiċċjali tagħhom. Il-metodi kif issir riferenza ta' dan it-tip għandhom ikunu stipulati mill-Istati Membri.

4. Stati membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-testi tad-disposizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam immexxija minn din id-Direttiva.

▼B

*Artikolu 29*

Il-Kunsill, li jaġixxi fuq il-bażi ta' xi rapport u, fejn xieraq, xi proposta mill-Kummissjoni, għandu jeżamina perjodikament l-eżenzjonijiet u t-tnaqqis u l-livelli minimi ta' tassazzjoni stabbiliti f'din id-Direttiva, jaġixxi unanimament wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew, għandu jadotta il-miżuri neċessarji. Ir-rapport mill-Kummissjoni u l-konsiderazzjoni tal-Kunsill għandhom jaraw l-iffunzjonar kif suppost tas-suq intern, il-valur propju tal-livelli minimi ta' tassazzjoni u l-oġġettivi wiesgħa tat-Trattat.

*Artikolu 30*

Minkejja l-Artikolu 28(2), Direttivi 92/81/KEE u 92/82/KEE għandhom jiġu mneħħija mill-31 ta' Diċembru 2003.

▼M2

Referenzi għal direttivi mħassra għandhom jinftiehmu referenzi għal din id-Direttiva.

▼B

*Artikolu 31*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 32*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

*ANNESS I*

**Tabella A. – Livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq karburanti tal-karozzi**

| | fl-1 ta' Jannar 2004. | fl-1 ta' Jannar 2010. |
|---|---|---|
| Petrol biċ-ċomb (bl-euro kull 1 000 l) Kodiċi NM 2710 11 31, 2710 11 51 u 2710 11 59 | 421 | 421 |
| Petrol bla ċomb (bl-euro kull 1 000 l) Kodiċi NM 2710 11 31, 2710 11 41, 2710 11 45 u 2710 11 49 | 359 | 359 |
| Nafta (bl-euro kull 1 000 l) Kodiċi NM 2710 19 41 sa 2710 19 49 | 302 | 330 |
| Pitrolju (bl-euro kull 1 000 l) Kodiċi NM 2710 19 21 u 2710 19 25 | 302 | 330 |
| LPG (bl-euro kull 1 000 kg) Kodiċi NM 2711 12 11 sa 2711 19 00 | 125 | 125 |
| Gass Naturali (bl-euro kull gigajoule gross valur kalorifiku) Kodiċi NM 2711 11 00 u 2711 21 00 | 2,6 | 2,6 |

**Tabella B. – Livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq karburanti tal-karozzi użati għall-iskop kif imniżżel fl-Artikolu 8(2)**

| | |
|---|---|
| Nafta (bl-euro kull 1 000 l) Kodiċi NM 2710 19 41 sa 2710 19 49 | 21 |
| Pitrolju (bl-euro kull 1 000 l) Kodiċi NM 2710 19 21 u 2710 19 25 | 21 |
| LPG (bl-euro kull 1 000 kg) Kodiċi NM 2711 12 11 sa 2711 19 00 | 41 |
| Gass Naturali (bl-euro kull gigajoule gross valur kalorifiku) Kodiċi NM 2711 11 00 u 2711 21 00 | 0,3 |

**Tabella Ċ. – Livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq karburanti li jsaħħnu u elettriku**

| | Użu għan-negozju | Użu privat |
|---|---|---|
| Nafta (bl-euro kull 1 000 l) Kodiċi NM 2710 19 41 sa 2710 19 49 | 21 | 21 |
| Żejt tqil għall-magni (bl-euro kull 1 000 kg) Kodiċi NM 2710 19 61 sa 2710 19 69 | 15 | 15 |
| Pitrolju (bl-euro kull 1 000 l) Kodiċi NM 2710 19 21 u 2710 19 25 | 0 | 0 |
| LPG (bl-euro kull 1 000 kg) Kodiċi NM 2711 12 11 sa 2711 19 00 | 0 | 0 |
| Gass naturali (bl-euro kull gigajoule gross valur kalorifiku) Kodiċi NM 2711 11 00 u 2711 21 00 | 0,15 | 0,3 |

▼B

| | Użu għan-negozju | Użu privat |
|---|---|---|
| Faħam u kokk<br>(bl-euro kull gigajoule gross valur kalorifiku)<br>Kodiċi NM 2701, 2702 u 2704 | 0,15 | 0,3 |
| Elettriku<br>(bl-euro kull MWh)<br>Kodiċi NM 2716 | 0,5 | 1,0 |

▼B

*ANNESS II*

**Rati mnaqqsa ta' tassazzjoni u eżenzjonijiet minn tassazzjoni ta' dan it-tip riferuti fl-Artikolu 18(1)**

1. BELĠJU:

— għal LPG, gass naturali u metanju;

— għall-vetturi lokali pubbliċi għall-trasport ta' passiġġieri;

— għal navigazzjoni bl-ajru bara minn dik koperta taħt l-Artikolu 14(1) (b) ta' din id- Direttiva;

— għal navigazzjoni f'opra għall-użu privat jew divertiment;

— għal tnaqqis fir-rata tat-taxxa tas-Sisa fuq żejt tqil għall-magni biex tinkoraġixxi iktar użu ta' karburanti li jnaqqsu l-ħsara lil ambjent. Tnaqqis ta' din ix-xorta għandu jkun speċifikament marbut mal-kontenut ta' sulfur u fl-ebda każ ma tista' r-rata mnaqqsa tinżel inqas minn EUR 6,5 kull tunnellata;

— għal skart ta' żjut li jerġgħu jintużaw bħala karburant, jew direttament wara l-irkupru jew wara proċess ta' riċiklaġġ ta' skart ta' żjut, u fejn l-użu mill-ġdid ikun suġġett għal dazju;

— għar-rata differenzata tat-taxxa tas-Sisa fuq sulfur baxx (50 ppm) u (35 %) petrol bla ċomb b'riħa minima;

— għar-rata differenzata tat-Taxxa tas-Sisa fuq diesel b'sulfur baxx (50 ppm)

2. DANIMARKA:

— għar-rata differenzata tat-taxxa tas-Sisa, mill-1 ta' Frar 2002 sal-31 ta' Jannar 2008, għall-żejt tqil għall-magni u żejt li jsaħħan użat minn ditti li huma kkonċentrati fuq l-enerġija biex jipproduċu s-sħana u ilma sħun. L-ammont massimu ta' differenza awtorizzata fit-taxxa tas-Sisa hija EUR 0,0095 kull kg fuq żejt tqil għall-magni u EUR 0,008 kull litru fuq żejt li jsaħħan. It-tnaqqis fit-taxxa tas-Sisa għandu jsir bil-ħarsien u skond din id-Direttiva, u b'mod partikolari r-rati minimi;

— għall-tnaqqis fir-rata tad-dazju fuq id-diesel biex tinkoraġixxi l-użu ta' karburanti li jnaqqsu l-ħsara lill-ambjent, jekk kemm-il darba inċentivi ta' dan it-tip ikunu marbuta ma' karetteristiċi tekniċi stabbiliti u jinkludi gravità speċifika, kontenut ta' sulfur, punt ta' distillazzjoni, numru u indiċi ta' ċetanju u li dawn ir-rati ikunu skond l-obligi stabbiliti f'din id-Direttiva;

— għall-applikazzjoni ta' rati differenzali tat-taxxa tas-Sisa bejn petrol imqassam minn pompi tal-petrol li huma attrezzati b'sistema ta' ritorn għad-dħaħen tal-petrol u petrol imqassam minn pompi tal-petrol oħrajn, jekk kemm-il darba ir-rati differenzali ikunu skond l-obligi stabbiliti f'din id-Direttiva, u b'mod partikolari ir-rati minimi tat-taxxa tas-Sisa;

— għar-rati differenzali tat-taxxi tas-Sisa fuq petrol, jekk kemm-il darba ir-rati differenzali ikunu skond l-obligi stabbiliti f'din id-Direttiva, u b'mod partikolari ir-rati minimi tat-tassazzjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 7 b'dan;

— għall-vetturi lokali pubbliċi għall-trasport ta' passiġġieri;

— għar-rati differenzali fuq taxxi tas-Sisa għall-nafta, jekk kemm-il darba ir-rati differenzali ikunu skond l-obligi stabbiliti minn din id-Direttiva, u b'mod partikolari il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif provduti fl-Artikolu 7 b'dan;

— għall-rifużjoni parzjali lis-settur kummerċjali, jekk kemm-il darba it-taxxi konċernati huma skond il-liġi Komunitarja u jekk l-ammont ta' taxxa mħallsa u mhux dik rimborsata f'kull ħin tirrispetta ir-rati

▼B

minimi tad-dazju jew ħlas għall-kontroll fuq żjut minerali kif provdut fil-liġi Komunitarja;

— għall-navigazzjoni bl-ajru barra minn dik koperta taħt l-Artikolu 14 (1)(b) ta' din id-Direttiva;

— għall-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa fuq it-taxxa tas-Sisa ta' massimu ta' DKK 0,03 kull litru fuq petrol imqassam minn pompi tal-petrol li jridu jilħqu standards stretti ta' apparat u fejn l-operat huwa disinjat li jnaqqas it-tnixxija ta'metil butil terzjarju eteru fl-ilma taħt l-art, kemm –il darba ir-rati differenzali huma skond l-obligi stabbiliti f'din id-Direttiva, u b'mod partikolari ir-rai minimi tat-taxxa tas-Sisa.

3. ĠERMANJA:

— għar-rata differenzata fuq it-taxxa tas-Sisa fuq karburanti b'kontenut ta' sulfur massimu ta' 10 ppm mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2005;

— għall-użu ta' gassijiet ta'idrokarbonju skartati bħala karburant li jsaħħan;

— għar-rata differenzali fuq it-taxxa tas-Sisa fuq żjut minerali użati bħala karburant minn vetturi għall-trasport lokali pubbliku ta' passiġġieri, u bla ħsara għall-konformità ma' l-obligi stabbiliti fid-Direttiva 92/82/KEE;

— għall-kampjuni ta' żjut minerali intenzjonati għall-analiżi, testijiet fuq produzzjoni u għall-għanijiet xjentifiċi oħra;

— għar-rata differenzali fuq it-taxxa tas-Sisa fuq żjut li jsaħħnu użati mill-industriji tal-manifattura, kemm-il darba r-rati differenzali huma skond l-obligi stabbiliti f'din id-Direttiva;

— għall-żjut skartati li jerġgħu jintużaw bħala karburant, kemm direttament wara l-irkupru u kemm wara proċess ta' riċiklaġġ għall-żjut skaratati, u fejn l-użu mill-ġdid huwa suġġett għad-dazju.

4. GREĊJA:

— għall-użu mill-forzi armati nazzjonali;

— biex tagħti eżenzjoni mit-taxxi tas-Sisa fuq żjut minerali għall-karburanti intenzjonati biex jintużaw biex iħaddmu il-vetturi uffiċċjali tal-Ministeru tal-Presidenza u l-forza tal-pulizija nazzjonali;

— għall-vetturi lokali pubbliċi għall-trasport ta' passiġġieri;

— għar-rati differenzali ta' taxxa fuq petrol bla ċomb biex tirrifleti kategoriji ambjentali differenti, kemm-il darba ir-rati differenzali huma skond l-obligi stabbiliti f'din id-Direttiva, u b'mod partikolari il-liveli minimi ta' tassazzjoni kif provduti fl-Artikolu 7 b'dan;

— għal LPG u metanju użati għall-għanijiet industrijali.

5. SPANJA:

— għal LPG użat bħala karburant għall-vetturi tat-trasport lokali pubbliku;

— għal LPG użat bħala karburant għal takxis;

— għar-rati differenzali ta' taxxa fuq petrol bla ċomb biex tirrifleti kategoriji ambjentali differenti, kemm-il darba r-rati differenzali huma skond l-obligi stabbiliti f'din id-Direttiva, u b'mod partikolari il-liveli minimi ta' tassazzjoni kif provduti fl-Artikolu 7 b'dan;

— għal żjut skartati li jerġgħu jintużaw bħala karburant, kemm direttament wara l-irkupru u kemm wara proċess ta' riċiklaġġ għall-żjut skaratati, u fejn l-użu mill-ġdid huwa suġġett għad-dazju.

▼B

6. FRANZA:

— għar-rati differenzali ta' taxxa fuq diesel użat mill-vetturi kummerċjali, sa l-1 ta' Jannar 2005, li ma jistgħux ikunu inqas minn EUR 380 kull 1 000 l b'seħħ mill-1 ta' Marzu 2003;

— fil-qafas ta' ċertu politiki bl-iskop li jiġu megħjuna postijiet isofru minn depopolazzjoni;

— għall-konsum fuq il-gżira ta' Korsika, kemm-il darba ir-rati mnaqqsa f'kull ħin jirrispettaw ir-rati minimi tad-dazju fuq żjut minerali kif provdut fil-liġi Komunitarja;

— għar-rata differenzali tat-taxxa tas-Sisa fuq karburant ġdid kompost minn ilma u emulsjoni ta' antifreeze-diesel stabilizzata b'surfactants, kemm-il darba ir-rati differenzali huma skond l-obligi stabbiliti f'din id-Direttiva, u b'mod partikolari ir-rati minimi tat-taxxa tas-Sisa;

— għall-rata differenzali tat-taxxa tas-Sisa fuq petrol bla ċomb ta' grad għoli li għandu kontenut ta' addittiv li għandu bażi ta' potassju biex itejjeb ir-reżistenza għal valv burn-out (jew addittiv ieħor kwalunkwe ta' l-istess effett);

— għall-karburant użat fit-takxis, b'limiti ta' kwota annwali;

— għall-eżenzjoni mit-taxxa tas-Sisa fuq gassijiet użati bħala karburant għat-trasport pubbliku suġġett għall-kwota annwali;

— għall-eżenzjoni mit-taxxi tas-Sisa fuq gassijiet użati bħala karburanti għall-magni f'vetturi li jiġbru l-iskart u li joperaw bil-gass;

— għal tnaqqis fir-rata ta' tassazzjoni fuq żejt tqil għall-magni biex tinkoraġixxi iktar l-użu ta' karburanti li jnaqqsu l-ħsara lill-ambjent; dan it-tnaqqis għandu jiġi marbut speċifikament ma' kontenut ta' sulfur u r-rata ta' dazju addebitata fuq żejt tqil għall-magni iridu jikkorispondu mar-rata minima ta' tassazzjoni fuq -żejt tqil għall-magni kif provvdut fil-liġi Komunitarja;

— għall-eżenzjoni fuq żejt tqil użat bħala karburant għall-produzzjoni ta' alumina fir –reġjun ta' Gardanne;

— għan-navigazzjoni bl-ajru barra minn dik koperta taħt l-Artikolu 14 (1)(b) ta' din id-Direttiva;

— għall-gasolina fornita mill-portijiet ta' Korsika għall-opri privati jew ta' divertiment;

— għall-żjut skartati li jerġgħu jintużaw bħala karburant, kemm direttament wara l-irkupru u kemm wara proċess ta' riċiklaġġ għall-żjut skaratati, u fejn l-użu mill-ġdid huwa suġġett ghad-dazju;

— għall-vetturi lokali pubbliċi għat-trasport ta' passiġġieri sal-31 ta' Diċembru 2005;

— sabiex jingħataw permessi għall-applikazzjoni ta' rata differenzali fuq it-taxxa tas-Sisa għall-taħlita ta' karburanti "derivattivi ta' petrol/etil alkoħol li l-komponent alkoħoliku tiegħu huwa ta' oriġini agrikulturali" u li l-applikazzjoni ta' rata differenzali fuq it-taxxa tas-Sisa għat-taħlita ta' karburant "diesel/żejt veġitali ester". Sabiex jingħata tnaqqis fuq it-taxxa tas-Sisa fuq taħlitiet li jinkorporaw/żejt veġitali ester u derivattivi etil alkoħol li jintużaw bħala karburant fis-sens ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet Franċiżi iridu joħorġu l-permessi neċessarji għall-unitajiet konċernati sal-31 ta' Diċembru 2003 l-iktar tard. L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu validi sa massimu ta' sitt snin mid-data tal-ħruġ. It-tnaqqis speċifikat fl-awtorizzazzjoni jista' jiġi applikat wara il-31 ta' Diċembru 2003 sakemm tispiċċa l-awtorizzazzjoni. It-tnaqqis fit-taxxi tas-Sisa ma għandhomx jaqbżu EUR 35,06/hl jew EUR 396,64/t għal żejt veġitali ester u EUR 50,23/hl jew EUR 297,35/t għal derivattivi etil alkoħol użati fit-taħlitiet imsemmija. It-tnaqqis fit-taxxi tas-Sisa għandhom jiġu aġġustati biex tieħu in-kunsiderazzjoni tibdil fil-prezz ta' materja prima biex tevita kumpens iktar milli suppost ta'

▼B

spejjeż oħra involuti fil-manifattura ta' bijokarburanti. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika b'seħħ mill-1 ta' Novembru. Din għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru 2003;

— biex jingħataw permessi għall-applikazzjoni ta' rata differenzali tat-taxxa tas-Sisa fuq it-taħlita "karburant li jsaħħan għad-djar/żejt veġitali ester". Sabiex jingħata tnaqqis fuq it-taxxa tas-Sisa fuq taħlitiet li jinkorporixxu żejt veġitali ester u biex jintużaw bħala karburant fis-sens ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet Franċiżi iridu joħorġu l-permessi neċessarji għall-unitajiet ta' produzzjoni tal-bijokarburant konċernati sal-31 ta' Diċembru 2003 l-iktar tard. L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu validi għall-massimu ta' sitt snin mid-data tal-ħruġ. It-tnaqqis speċifikat fl-awtorizzazzjoni jista' jiġi applikat wara il-31 ta' Diċembru 2003 sakemm tispiċċa l-awtorizzazzjoni, imma tista' tiġi estiża. It-tnaqqis fit-taxxi tas-Sisa ma għandhomx jaqbżu il-EUR 35,06/hl jew EUR 396,64/t għal żejt veġitali ester użati fit-taħlitiet imsemmija. It-tnaqqis fit-taxxa tas-Sisa għandu jiġi aġġustat biex tieħu in-konsiderazzjoni tibdil fil-prezz ta' materja prima biex tevita kumpens iktar milli suppost ta' spejjeż oħra involuti fil-manifattura ta' bijokarburanti. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi fis-seħħ mill-1 ta' Novembru 1997. Din għandha tispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2003.

7. IRLANDA:

— għal LPG, gass naturali u metanju użati bħala karburant tal-karozzi;

— f'karozzi użati minn persuni b'diżabilità;

— għall-vetturi lokali pubbliċi għat-trasport ta' passiġġieri;

— għar-rati differenzali ta' taxxa fuq petrol bla ċomb biex jirrifletti kategoriji ambjentali differenti, jekk kemm-il darba r-rati differenzali huma skond l-obligi stabbiliti minn din id-Direttiva, u b'mod partikolari l-livelli minimi ta' tassazzjoni kif provvdut fl-Artikolu 7 b'dan;

— għar-rata differenzata fuq it-taxxa tas-Sisa fuq diesel li huwa baxx fis-sulfur;

— għall-produzzjoni ta' alumina fir-reġjun Shannon;

— għan-navigazzjoni bl-ajru barra minn dik koperta taħt l-Artikolu 14 (1)(b) ta' din id-Direttiva;

— għan-navigazzjoni b'opri privati jew għall-divertiment;

— għall-żjut skartati li huma użati mill-ġdid, kemm direttament wara l-irkupru jew wara proċess ta' riċiklaġġ għall-żjut skartati, u fejn l-użu mill-ġdid ikun suġġett għad-dazju.

8. ITALJA:

— Għar-rati differenzali ta' taxxa tas-Sisa fuq taħlitiet użati bħala karburanti tal-karozzi li jikkontjenu 5 % jew 25 % ta' bijodiesel sat-30 ta' Ġunju 2004. It-tnaqqis fit-taxxa tas-Sisa tista' ma tkunx ikbar mill-ammont ta' taxxa tas-Sisa pagabbli fuq il-volum ta' bijokarburanti fil-prodotti eliġibbli għal dan it-tnaqqis. It-tnaqqis fit-taxxa tas-Sisa għandha tkun aġġustata biex tieħu in-konsiderazzjoni tibdil fil-prezz ta' materja prima biex tevita kumpens iktar milli suppost ta' spejjeż oħra involuti fil-manifattura ta' bijokarburanti;

— għall-tnaqqis fir-rata ta' taxxa tas-Sisa għall-karburant użat minn operaturi ta' trasport bit-triq, sa l-1 ta' Jannar 2005, li ma tistax tkun inqas minn EUR 370 kull 1 000 l b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2004;

— għall-gassijiet idrokarboniċi użati bħala karburant;

— għar-rata imnaqqsa fuq it-taxxa tas-Sisa għall-emulsjonijiet ta' ilma/diesel u ilma/żejt tqil għall-magni mill-1 ta' Ottubru 2000 sal-31 ta' Diċembru 2005 kemm-il darba r-rata mnaqqsa hija skond l-obligi stabbiliti minn din id-Direttiva, u b'mod partikolari r-rati minimi tat-taxxa tas-Sisa;

▼B

— għall-metanju użat bħala karburant għall-vetturi;

— għall-forzi armati nazzjonali;

— għall-ambulanzi;

— għall-vetturi lokali pubbliċi użati għat-trasport ta' passiġġieri;

— għall-karburant użat għat-takxis;

— f'ċertu żoni li huma partikolarment żvantaġġati ġeografikament, għar-rati mnaqqsa fuq it-taxxa tas-Sisa fuq karburant għall-użu domestiku u LPG użat biex isaħħan u mqassam minn networks f'dawn iż-żoni, kemm-il darba ir-rati huma skond l-obligi stabbiliti minn din id-Direttiva, u b'mod partikolari ir-rati minimi tat-taxxa tas-Sisa;

— għall-konsum fir-reġjuni ta'Val d'Aosta u Gorizia;

— għat-tnaqqis fir-rata tat-taxxa tas-Sisa fuq petrol ikkonsmat fit-territorju ta' Friuli-Venezia Giulia, kemm-il darba ir-rati huma skond l-obligi stabbiliti minn din id-Direttiva, u b'mod partikolari ir-rati minimi tat-taxxa tas-Sisa;

— għall-tnaqqis fir-rata tat-taxxa tas-Sisa fuq żjut minerali kkonsmati mir-reġjuni ta' Udine u Trieste, kemm-il darba r-rati huma skond l-obligi stabbiliti minn din id-Direttiva;

— għall-eżenzjoni mit-taxxa tas-Sisa fuq żjut minerali użat bħala karburant għall-produzzjoni ta' alumina f'Sardenja;

— għall-tnaqqis fir-rata tat-taxxa tas-Sisa fuq żejt għall-magni, għall-produzzjoni ta' stim, u għal nafta, użati ġo fran għall-tnixxif u "attivazzjoni" ta' filtri molekulari f'Reggio Calabria, kemm-il darba r-rati huma skond l-obligi stabbiliti minn din id-Direttiva;

— għan-navigazzjoni bl-ajru barra minn dik koperta taħt l-Artikolu 14 (1)(b) ta' din id-Direttiva;

— għaż-żjut skartati li huma użati mill-ġdid, kemm direttament wara l-irkupru jew wara proċess ta' riċiklaġġ għaż-żjut skartati, u fejn l-użu mill-ġdid ikun suġġett għad-dazju.

9. LUSSEMBRGU:

— għal LPG, gass naturali u metanju;

— għall-vetturi lokali pubbliċi għat-trasport ta' passiġġieri;

— għall-tnaqqis fir-rata tat-taxxa tas-Sisa fuq żejt tqil għall-magni biex tinkoraġixxi iktar l-użu ta' karburanti li jnaqqsu l-ħsara lill-ambjent. Dan it-tnaqqis għandu jiġi marbut speċifikament mal-kontenut ta' sulfur u fl-ebda każ ma tista' r-rata mnaqqsa tinżel inqas minn EUR 6,5 kull tunnellata;

— għaż-żjut skartati li huma użati mill-ġdid, kemm direttament wara l-irkupru jew wara proċess ta' riċiklaġġ għaż-żjut skartati, u fejn l-użu mill-ġdid ikun suġġett għad-dazju.

10. OLANDA

— għal LPG, gass naturali u metanju;

— għall-kampjuni ta' żjut minerali intenzjonati għall-analiżi, testijiet fuq produzzjoni u għanijiet xjentifiċi oħra;

— għall-użu mill-forzi armati nazzjonali;

— għall-applikazzjoni ta' rati differenzati fuq rati tat-taxxa tas-Sisa fuq LPG użat bħala karburant fit-trasport pubbliku;

— għar-rata differenzata fuq it-taxxa tas-Sisa fuq LPG użat bħala karburant għall-ġbir ta' skart, *drain suction* u vetturi li jnaddfu it-toroq;

▼B

— għar-rata differenzata fuq it-taxxa tas-Sisa fuq diesel baxx fis-sulfur (50 ppm) sal-31 ta' Diċembru 2004;

— għar-rata differenzata fuq it-taxxa tas-Sisa fuq petrol baxx fis-sulfur (50 ppm) sal-31 ta' Diċembru 2004.

11. AWSTRIJA:

— għall-gass naturali u metanju;

— għal LPG użat bħala karburant minn vetturi lokali pubbliċi għat-trasport;

— għaż-żjut skartati li huma użati mill-ġdid, kemm direttament wara l-irkupru jew wara proċess ta' riċiklaġġ għaż-żjut skartati, u fejn l-użu mill-ġdid ikun suġġett għad-dazju.

12. PORTUGAL:

— għar-rati differenzali ta' taxxa fuq petrol bla ċomb biex jirrifletti kategoriji ambjentali differenti, jekk kemm-il darba r-rati differenzali huma skond l-obligi stabbiliti minn din id-Direttiva, u b'mod partikolari l-livelli minimi ta' tassazzjoni kif provdut fl-Artikolu 7 b'dan;

— għall-eżenzjoni mit-taxxa tas-Sisa fuq LPG, gass naturali u metanju użati bħala karburant għat-trasport ta' passiġġieri lokali u pubbliku;

— għat-tnaqqis fir-rata tat-taxxa tas-Sisa fuq żejt għall-magni kkonsmat fir-reġjun awtonomu tal-Madeira; dan it-tnaqqis jista' ma jkunx ikbar mill-ispejjeż addizzjonali li saru fil-ġarr ta' żejt għall-magni għal dak ir-reġjun;

— għat-tnaqqis fir-rata tat-taxxa tas-Sisa fuq żejt tqil għall-magni biex tinkoraġixxi iktar l-użu ta' karburanti li jnaqqsu l-ħsara lill-ambjent. Dan it-tnaqqis għandu jiġi marbut speċifikament mal-kontenut ta' sulfur u r-rata ta' dazju addebitata fuq żejt tqil għall-magni għandha tikkorispondi mar-rata minima ta' dazju fuq żejt tqil għall-magni kif provdut fil-liġi Komunitarja;

— għan-navigazzjoni bl-ajru barra minn dik koperta taħt l-Artikolu 14 (1)(b) ta' din id-Direttiva;

— għaż-żjut skartati li jerġgħu jintużaw bħala karburant, kemm direttament wara l-irkupru u kemm wara proċess ta' riċiklaġġ għaż-żjut skartati, u fejn l-użu mill-ġdid huwa suġġett għad-dazju;

13. FINLANDA:

— għall-gass naturali użat bħala karburant;

— għall-eżenzjoni mit-taxxa tas-Sisa fuq metanju u LPG għall-iskopijiet kollha;

— għar-rati mnaqqsa fuq it-taxxa tas-Sisa karburant diesel u nafta biex issaħħan, kemm-il darba r-rati huma skond l-obligi stabbiliti f'din id-Direttiva, u b'mod partikolari il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif provdut fl-Artikoli 7 sa 9;

— għar-rati mnaqqsa fuq it-taxxa tas-Sisa fuq bla ċomb riformulat u petrol biċ-ċomb, kemm-il darba r-rati huma skond l-obligi stabbiliti f'din id-Direttiva, u b'mod partikolari il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif provdut fl-Artikolu 7 b'dan;

— għan-navigazzjoni bl-ajru barra minn dik koperta taħt l-Artikolu 14 (1)(b) ta' din id-Direttiva;

— għan-navigazzjoni b'opri privati jew għall-divertiment;

— għaż-żjut skartati li jerġgħu jintużaw bħala karburant, kemm direttament wara l-irkupru u kemm wara proċess ta' riċiklaġġ għaż-żjut skartati, u fejn l-użu mill-ġdid huwa suġġett għad-dazju;

▼B

14. ŻVEZJA:

— għar-rati mnaqqsa fuq it-taxxa tas-Sisa għall-diesel skond klassifikazzjonijiet ambjentali;

— għar-rati mnaqqsa fuq it-taxxa tas-Sisa jew rati differenzali ta' taxxa fuq petrol bla ċomb biex jirrifletti kategoriji ambjentali differenti, jekk kemm-il darba ir-rati differenzali huma skond l-obligi stabbiliti minn din id-Direttiva, u b'mod partikolari ir-rati minimi tat-taxxa tas-Sisa;

— għar-rata differenzali fuq it-taxxa ta' l-enerġija fuq petrol ta' bażi alkylate għall-magni two-stroke, sat-30 ta' Ġunju 2008, kemm-il darba it-taxxa totali tas-Sisa applikabbli hija skond din id-Direttiva;

— għall-eżenzjoni mit-taxxa tas-Sisa fuq metanju prodott b'mod bijoloġiku u gassijiet oħra skartati;

— għar-rata mnaqqsa fuq it-taxxa tas-Sisa fuq żjut minerali użati għall-skopijiet industrijali, kemm-il darba r-rati huma skond l-obligi stabbiliti minn din id-Direttiva;

— għar-rata mnaqqsa fuq it-taxxa tas-Sisa fuq żjut minerali użati għall-skopijiet industrijali bl-introduzzjoni ta' rata li hija kemm inqas mir-rata standard u kif ukoll rata mnaqqsa fuq intrapriżi intensive fuq enerġija, kemm-il darba r-rati huma skond l-obligi stabbiliti minn din id-Direttiva, u ma jagħtux lok għal tħarbit fil-kompetizzjoni;

— għan-navigazzjoni bl-ajru barra minn dik koperta taħt l-Artikolu 14 (1)(b) tad-Direttiva preżenti.

15. INGILTERRA:

— għar-rati differenzali fuq it-taxxa tas-Sisa fuq karburant użat għat-triq u li jikkontjeni bijodiesel u bijodiesel użat bħala karburant pur użat għat-triq, sal-31 ta' Marzu 2007. Ir-rati minimi tal-Komunità iridu jiġu rispettati u ma jistax isir kumpens iktar milli suppost ta' spejjeż *extra* involuti fil-manifattura ta' bijokarburanti;

— għal LPG, gass naturali u metanju użat bħala karburant għall-karozzi;

— għat-tnaqqis fir-rata tat-taxxa tas-Sisa fuq diesel biex tinkoraġixxi iktar l-użu ta' karburanti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

— għar-rati differenzali ta' taxxa fuq petrol bla ċomb biex jirrifletti kategoriji ambjentali differenti, jekk kemm-il darba r-rati differenzali huma skond l-obligi stabbiliti minn din id-Direttiva, u b'mod partikolari il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif provvdut fl-Artikolu 7 b'dan;

— għall-vetturi lokali pubbliċi għat-trasport ta' passiġġieri;

— għal rata differenzali fuq it-taxxa tas-Sisa fuq emulsjoni ta' ilma/diesel kemm-il darba r-rata differenzali hija skond l-obligi stabbiliti minn din id-Direttiva, u b'mod partikolari r-rati minimi tat-taxxa tas-Sisa;

— għan-navigazzjoni bl-ajru barra minn dik koperta taħt l-Artikolu 14 (1)(b) ta' din id-Direttiva;

— għan-navigazzjoni b'opri privati jew għall-divertiment;

— għaż-żjut skartati li jerġgħu jintużaw bħala karburant, kemm direttament wara l-irkupru u kemm wara proċess ta' riċiklaġġ għaż-żjut skartati, u fejn l-użu mill-ġdid huwa suġġett għad-dazju;

▼M1

*L-ANNESS III*

Ir-rati mnaqqsa tat-tassazzjon u l-eżenzjnjiet minn din it-tassazzjoni riferiti fl-Artkolu 18a(1):

1. Il-Latvija

— għall-prodott ta l-enerġija u l-elettriku wżati fil-vetturi tat-trasport pubbliku lokali tal-passiġġieri

2. Il-Lituwanja

— għall-faħam, il-kokk u l-linjit, sa l-1 ta Jannar 2007,

— għall-gass naturali u l-elettriku, sa l-1 ta' Jannar 2010,

— għall-orimulsjoni wżata għal għanijiet oħra għajr għalbiex tipproduċi l-elettriku jew is-sħana, sa l-1 ta' Jannar 2010;

3. L-Ungerija

— għall-faħam u l-kokk, sa l-1 ta Jannar 2007,

4. Malta

— għan-navigazzjoni fil-vetturi tal-baħar privati tal-gost,

— għan-navigazzjoni ta' l-ajru għajr dik koperta bl-Artkolu 14(1)(b) tad-Direttiva 2003/96/KE;

5. Il-Polonja

— għall-karburant ta' l-avjazzjoni u l-karburanti tal-magni tal-kombustjoni bit-*turbo* u ż-żjut tal-magni għall-magni ta' l-avjazzjoni, mibjugħa mill-produttur ta' dawn il-karburanti fuq l-ordni tal-Ministru tad-Difiża Nazzjonali jew il-Ministru komptenti ta' l-affarijiet interni, għall-għanijet ta' l-industrija ta' l-avjazzjoni, jew l-Aġenza tar-Riservi Materjali sabiex tissupplimenta r-riservi Statali, jew l-unitajiet organizzattivi ta' l-avjazzjoni sanitarja għall-għanijiet ta' dawn l-unitajiet,

— iż-żejt tal-gass għall-magni tal-bastimenti u l-magni għat-teknoloija tal-baħar u ż-żjut tal-magni għall-magni tal-bastimenti u għat-teknoloġija tal-baħar, mibjugħa mill-produttur ta' dan l-karburant fuq l-ordni ta' l-Aġenija tar-Riservi ta' l-I*stocks* sabiex tissupplimeta r-riservi Statali, jew fuq l-ordni tal-Ministeriu tad-Difiża Nazzjonali sabiex jintuża għall-għanijiet tal-flotta, jew fuq l-ordni tal-Ministru kompetenti ta' l-affarijiet interni sabiex jintuża fl-inġinerija tal-baħar.

— il-karburant ta' l-avjazzjoni, il-karburant tal-magni tal-kombustjoni bit-*turbo* u ż-żejt tal-gass għall-magni tal-bastimenti u l-magni tat-teknoloġja tal-baħar u ż-żjut tal-magni ta' l-avjazzjoni, il-magni tal-bastimenti u l-magni għat-teknoloġja tal-baħar, mibjugħa mill-Aġenzija tar-Riservi ta' l-I*stocks* fuq l-ordni tal-Ministru tad-Difiża Nazzjonali jew il-Ministru kompetenti ta' l-affarijiet interni.